2024/1321

13.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1321

tat-8 ta' Mejju 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 dwar il-verifika tad-*data* u l-akkreditament tal-verifikaturi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari, l-Artikolu 15, it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 30f(1) u (5), it-tieni subparagrafu tagħha,

Billi:

(1) Wara l-emenda tad-Direttiva 2003/87/KE bid-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 ([3]) jeħtieġ li jiġi emendat biex jinkorpora r-regoli li japplikaw għall-verifika tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-installazzjonijiet għall-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali b'input termiku nominali totali li jaqbeż l-20 MW. Sabiex jiġu żgurati approċċi armonizzati fost l-installazzjonijiet li jwettqu attivitajiet ta' kombustjoni, jenħtieġ li l-istess rekwiżiti japplikaw għall-verifika tal-installazzjonijiet tal-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali bħal fil-każ ta' installazzjonijiet oħra tal-kombustjoni. Meta Stat Membru ma jkunx talab li l-installazzjoni għall-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali jkollha permess għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/87/KE, il-verifikatur jenħtieġ li jiffoka l-valutazzjoni tiegħu fuq il-konformità mal-pjan ta' monitoraġġ.

(2) Id-Direttiva (UE) 2023/959 estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE għall-produzzjoni taż-żejt, il-produzzjoni tal-ħadid, il-produzzjoni tal-aluminju u tal-alumina, il-produzzjoni tal-idroġenu u t-trasport tas-CO_2 permezz ta' mezzi oħra għajr pipelines. Sabiex jiġi żgurat l-allinjament bejn l-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li għalihom il-verifikatur jenħtieġ li jiġi akkreditat biex ikun jista' jwettaq verifika f'dawk is-setturi, il-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditazzjoni fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 jeħtieġ li jiġi aġġornat.

(3) Wara l-introduzzjoni ta' obbligu fl-Artikolu 10a(1), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2003/87/KE li l-allokazzjoni bla ħlas issir kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza fl-enerġija, ġew inklużi regoli ġodda fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 ([4]) biex jiġi stabbilit meta jitqiesu implimentati r-rakkomandazzjonijiet mir-rapporti tal-awditjar tal-enerġija jew mis-sistemi ċċertifikati ta' ġestjoni tal-enerġija f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Prerekwiżit ewlieni biex tintwera l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet, huwa l-konferma mill-verifikatur matul il-verifika tar-rapport dwar id-*data* ta' referenza jew, fejn rilevanti, ir-rapport annwali dwar il-livell ta' attività, li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija tkun tlestiet. Għalhekk, huwa essenzjali li jiġi pprovdut sett ta' regoli armonizzati dwar il-kontrolli li għandhom jitwettqu mill-verifikatur biex jikkonferma t-tlestija tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/959/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-*data* u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2067/oj).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/331/oj).

([5]) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2012/27/oj).

(4) F'konformità mal-Artikolu 22a(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331, il-verifikatur għandu jivverifika jekk tapplikax eċċezzjoni għall-kundizzjonalità skont l-Artikolu 22a(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 jekk l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija ma tkunx tlestiet. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u t-trattament ugwali bejn il-każijiet komparabbli, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati regoli armonizzati dwar il-valutazzjoni tal-verifikatur tal-applikazzjoni ta' dawk l-eċċezzjonijiet.

(5) Sabiex il-verifikatur iwettaq il-kontrolli meħtieġa fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija jew fuq l-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet għall-kundizzjonalità, l-operatur jenħtieġ li jipprovdi lill-verifikatur bl-evidenza u bl-informazzjoni rilevanti relatati mal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija u mal-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet matul l-istadji rilevanti tal-verifika.

(6) Sabiex l-awtorità kompetenti tingħata l-informazzjoni meħtieġa biex tiddeċiedi jekk il-kundizzjonijiet għall-allokazzjoni bla ħlas f'konformità mal-Artikolu 22a tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 ġewx issodisfati u jekk l-allokazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet għandhiex titnaqqas, jeħtieġ li jiġu introdotti regoli speċifiċi dwar ir-rapportar mill-verifikatur tar-riżultati tal-kontrolli ta' konferma u kwalunkwe osservazzjoni miksuba matul dawn il-kontrolli ta' konferma.

(7) L-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE jippermetti lill-operaturi jikkanċellaw it-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas wara li jkunu lestew l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija. Prerekwiżit għal dik il-kanċellazzjoni huwa l-konferma tal-verifikatur bħala parti mill-verifika tar-rapport annwali dwar il-livell ta' attività li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija tkun tlestiet. Sabiex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' ċiklu annwali għal dawk il-finijiet, huwa importanti li l-osservazzjonijiet magħmula mill-verifikatur matul verifiki preċedenti dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet jiġu segwiti u li dan jiġi vverifikat mill-verifikaturi f'verifiki sussegwenti.

(8) L-Artikoli 4 u 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 jirrikjedu li l-pjan tal-metodoloġija ta' monitoraġġ jiġi approvat mill-awtorità kompetenti. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-validazzjoni tal-metodoloġija ta' monitoraġġ mill-verifikatur fin-nuqqas tal-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti ma għadhomx japplikaw u għalhekk jenħtieġ li jitħassru.

(9) L-esperjenza fl-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 uriet il-ħtieġa li jiġi ċċarat ir-rekwiżit tal-verifikatur li jivverifika l-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) fejn jintużaw il-fjuwils mill-bijomassa. Fl-interess taċ-ċarezza, jenħtieġ li tiżdied dispożizzjoni li tirrikjedi li l-verifikaturi jivverifikaw il-konformità ma' dawk il-kriterji.

(10) L-esperjenza wriet il-ħtieġa li jiġi ċċarat meta jitwettqu ż-żjarat virtwali fil-post, għal liema raġuni u meta twettqet l-aħħar żjara fiżika fil-post. Din l-informazzjoni tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni jimmonitorjaw il-konformità mar-rekwiżiti li jikkonċernaw iż-żjarat virtwali fil-post. Fl-interess taċ-ċarezza u tat-trasparenza, din l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi inkluża fir-rapport ta' verifika.

(11) Fl-interess taċ-ċarezza, huwa importanti li l-approċċ tal-verifikatur għall-identifikazzjoni tat-titjib relatat mal-prestazzjoni tal-operatur fir-rigward tal-monitoraġġ u r-rapportar tad-*data* dwar l-allokazzjoni jiġi allinjat mal-approċċ għall-identifikazzjoni tal-opportunitajiet għat-titjib tal-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet. Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mad-*data* dwar l-allokazzjoni jenħtieġ li jinkludu titjib biex jinkiseb l-ogħla livell ta' preċiżjoni fir-rigward tas-sorsi tad-*data* elenkati fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331.

(12) L-esperjenza bl-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet għar-rinunzja taż-żjarat fil-post skont l-Artikolu 32(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 uriet li l-installazzjonijiet tal-kategoriji A u B li jużaw il-gass naturali jew fluss ta' sors *de minimis* wieħed jew aktar, fejn il-gass naturali jiġi mmonitorjat permezz ta' kejl fiskali b'miter u jintużaw valuri prestabbiliti għall-fatturi ta' kalkolu għall-gass naturali, jirriżultaw f'riskji simili meta mqabbla ma' sitwazzjonijiet fejn il-fatturi ta' kalkolu jiġu ddeterminati mit-trasportatur tal-gass mingħajr ebda input jew ipproċessar mill-operatur. Għalhekk huwa xieraq li tiġi permessa rinunzja taż-żjarat fil-post anke f'każijiet fejn il-fattur ta' kalkolu jiġi ddeterminat mit-trasportatur tal-gass bl-użu ta' analizzaturi online li huma soġġetti għal skema legali xierqa għall-kontroll tal-analizzaturi fiskali mingħajr ebda input mill-operatur.

([6]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj).

(13) Wara l-emenda tad-Direttiva 2003/87/KE bid-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), ġew introdotti regoli ġodda għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru. L-allokazzjoni mhux se tibqa' tiġi bbażata fuq *data* rrapportata f'tunnellati kilometri. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet kollha relatati mal-verifika tad-*data* f'tunnellati kilometri ma għadhomx japplikaw u jenħtieġ li jitħassru kif xieraq biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

(14) Wara l-emendi fid-Direttiva (UE) 2023/958, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2018/2066 ([8]) jistabbilixxi regoli ta' monitoraġġ u rapportar dwar l-attribuzzjoni ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli u l-emissjonijiet tagħhom għat-titjiriet u, meta l-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli ma jkunx jista' jiġi attribwit fiżikament għal titjira speċifika, l-attribuzzjoni proporzjonata ta' dawk il-fjuwils u l-emissjonijiet tagħhom għal titjiriet li jitilqu mill-ajruporti. Fl-interess taċ-ċertezza legali u l-integrità ambjentali, huwa xieraq li jiġi speċifikat sett ta' regoli armonizzati għall-verifikaturi biex jivverifikaw li l-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli u l-emissjonijiet tagħhom jiġu attribwiti b'mod korrett u li r-rekwiżiti rilevanti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 ikunu ġew issodisfati.

(15) Id-*data* fis-settur tal-avjazzjoni hija fil-biċċa l-kbira proċessata u rreġistrata f'sistemi awtomatizzati li jagħmilha possibbli li d-*data* tiġi aċċessata mill-bogħod. Dan jiġġustifika l-applikazzjoni ta' żjarat virtwali fil-post ħlief f'ċirkostanzi ta' force majeure fis-settur tal-avjazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-qawwa tal-verifika, iż-żjarat virtwali fil-post jenħtieġ li jkunu permessi biss taħt kundizzjonijiet stretti. Il-korpi nazzjonali ta' akkreditament jenħtieġ li jimmonitorjaw l-applikazzjoni ta' dawk il-kundizzjonijiet u l-prestazzjoni tal-verifikaturi matul dawn iż-żjarat fil-post bħala parti mis-sorveljanza annwali tal-verifikaturi.

(16) Id-Direttiva (UE) 2023/959 introduċiet sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet separata iżda parallela applikabbli għall-fjuwils rilaxxati għall-konsum fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq kif ukoll f'setturi addizzjonali li jikkorrispondu għal attivitajiet industrijali mhux koperti mill-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE ("bini, trasport bit-triq u setturi addizzjonali"). Fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 ġew inklużi dispożizzjonijiet ġodda relatati mal-monitoraġġ u mar-rapportar tal-emissjonijiet f'dawk is-setturi. Bħala riżultat ta' dawk il-bidliet, jenħtieġ li jiżdiedu regoli armonizzati dwar il-verifika tal-emissjonijiet f'dawk is-setturi u l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi li jwettqu dik il-verifika. Ir-regoli u d-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-verifika tal-emissjonijiet jenħtieġ li jiġu adattati kif xieraq.

(17) Il-verifika tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi f'konformità mal-Artikoli 15 u 30f tad-Direttiva 2003/87/KE u l-Anness V ta' dik id-Direttiva, id-definizzjonijiet fl-Artikolu 3, l-obbligu fl-Artikolu 4 u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti fil-Kapitoli II u III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jenħtieġ li jiġu estiżi biex ikopru l-verifika tar-rapporti tal-entità regolata sakemm il-karatteristiċi speċifiċi tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet applikabbli għall-fjuwils rilaxxati għall-konsum fil-bini, fit-trasport bit-triq u f'setturi addizzjonali ma jeħtiġux regoli oħrajn jew aktar regoli mfassla apposta. Bl-istess mod, ir-rekwiżiti dwar l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi fil-Kapitolu V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 u r-rekwiżiti dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti fil-Kapitolu VI ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għal din is-sistema separata għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet.

([7]) Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u l-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 115, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/958/oj).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2066/oj).

(18) Huwa importanti li jiġu delineati r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-verifikatur u tal-awtorità kompetenti fir-rigward tal-verifika tar-rapporti tal-entità regolata. F'konformità mal-prinċipji tal-Anness V tad-Direttiva 2003/87/KE, il-verifikatur jenħtieġ li jivvaluta l-kompletezza u l-konformità tal-informazzjoni fir-rapporti tal-entità regolata mar-rekwiżiti elenkati fl-Annessi X u Xb tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, l-opportunitajiet għat-titjib tal-proċess ta' monitoraġġ u rapportar u l-preċiżjoni tad-*data* dwar l-emissjonijiet. Bl-istess mod għall-verifika tar-rapport tal-operatur, il-verifikatur jenħtieġ li juża l-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti bħala punt tat-tluq u jivvaluta l-konformità tal-entità regolata ma' dak il-pjan. Meta dak il-pjan ta' monitoraġġ ma jiġix approvat, ma jkunx komplut jew ikun inbidel b'mod sinifikanti mingħajr ma jkunu ġew approvati dawk il-bidliet, huwa importanti li l-entità regolata tikseb l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti. Kwalunkwe nonosservanza tal-pjan ta' monitoraġġ mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, li jkun ġie identifikat mill-verifikatur u li ma jkunx ġie kkoreġut mill-entità regolata qabel ma jinħareġ ir-rapport ta' verifika, jenħtieġ li jiġi rrapportat fir-rapport ta' verifika.

(19) F'konformità mal-Anness V, il-parti C, il-punti 1 sa 5 u l-punt 7 tad-Direttiva 2003/87/KE, il-verifikatur għandu jwettaq żjara fil-post biex jivverifika l-konfini tal-monitoraġġ tal-entità regolata, biex jivvaluta l-operat tal-istrumenti tal-kejl, tas-sistemi u tal-proċessi li jintużaw mill-entitajiet regolati biex jiddeterminaw il-kwantitajiet tal-fjuwil rilaxxati għall-konsum, biex iwettaq intervisti u biex iwettaq attivitajiet oħra. Sabiex jiġi evitat li l-verifikaturi jkollhom iżuru postijiet b'tankijiet tal-massa jew b'faċilità tal-ħżin, fejn l-ammonti tal-fjuwil rilaxxati għall-konsum jiġu ddeterminati, ipproċessati u kkontrollati minn partijiet terzi jew meta d-*data* mkejla ma tintużax għad-determinazzjoni u l-ipproċessar tad-*data* dwar l-emissjonijiet tal-entità regolata, jenħtieġ li tiġi inkluża definizzjoni speċifika tas-sit. Hija l-analiżi tar-riskju tal-verifikatur li tiddetermina liema postijiet fis-sit tal-entità regolata jenħtieġ li ssirilhom żjara. Iż-żjara tal-verifikatur fil-post jenħtieġ li ma ssirx biss f'kundizzjonijiet speċifiċi.

(20) L-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-entità regolata u l-verifikatur huwa essenzjali fl-aspetti kollha tal-proċess ta' verifika, b'mod partikolari fil-fażi prekuntrattwali, fit-twettiq ta' analiżi strateġika mill-verifikatur u matul il-verifika. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti armonizzati li jenħtieġ li jirregolaw l-għoti ta' informazzjoni bejn l-entità regolata u l-verifikatur f'kull ħin.

(21) Sabiex jiġi evitat l-għadd doppju tal-emissjonijiet koperti mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini, għat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali u mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-installazzjonijiet fissi, għall-avjazzjoni u għat-trasport marittimu f'konformità mal-Artikolu 30f(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-entitajiet regolati huma meħtieġa f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jużaw il-proċess ta' monitoraġġ u rapportar tagħhom billi jnaqqsu mill-kwantità totali ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum, il-kwantitajiet tal-fjuwil li jintużaw fl-istess sena ta' rapportar għall-attivitajiet koperti mill-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE. L-informazzjoni mill-operaturi, mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru u mill-kumpaniji tat-tbaħħir dwar il-fjuwils fornuti u l-katina tal-provvista f'konformità mal-Anness Xa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 hija essenzjali sabiex jiġi ddeterminat liema kwantità ta' fjuwil jenħtieġ li titnaqqas mill-kwantità totali tar-rilaxx tal-fjuwil. Biex l-entità regolata u l-verifikaturi li jwettqu l-verifika tar-rapport tal-entità regolata jingħataw biżżejjed fiduċja fil-preċiżjoni tal-informazzjoni elenkata fl-Anness Xa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, huwa xieraq li l-verifikaturi tar-rapporti tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jivvalutaw dik l-informazzjoni bħala parti mill-verifika ta' dawk ir-rapporti u jikkonfermaw li l-fjuwils użati minn fornitur ma jaqbżux l-ammont li l-operatur jew l-operatur tal-inġenji tal-ajru jkun kiseb mingħand dak il-fornitur filwaqt li jitqiesu l-ammonti maħżuna fl-istokk skont il-metodoloġija fil-pjan ta' monitoraġġ approvat.

(22) Sabiex tiġi pprovduta trasparenza sħiħa dwar il-preċiżjoni tal-informazzjoni elenkata fl-Anness Xa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, huwa essenzjali li l-verifikatur li jwettaq verifika tar-rapporti tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jirrapporta dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-informazzjoni elenkata fl-Anness Xa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 u jiddeskrivi kwalunkwe osservazzjoni fir-rapport ta' verifika, inkluż kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta identifikata u mhux ikkoreġuta, nonkonformità, nonosservanza mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jew rakkomandazzjoni għal titjib. Jenħtieġ li din l-informazzjoni ssir disponibbli mill-operatur jew mill-operatur tal-inġenji tal-ajru lill-entità regolata rilevanti flimkien mal-informazzjoni elenkata fl-Anness Xa f'konformità mal-Artikolu 75v(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

(23) Din l-informazzjoni tippermetti lill-verifikatur li jkun qed jagħmel verifika tar-rapporti tal-entità regolata jwettaq kontrolli tal-konsistenza bejn l-informazzjoni elenkata fl-Anness Xa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 u l-informazzjoni dwar il-fjuwils ikkunsmati elenkati fl-Anness Xb ta' dak ir-Regolament u sussegwentement jiddetermina jekk il-kwantitajiet tal-fjuwil imnaqqsa f'konformità mal-Artikolu 75v(4) ta' dak ir-Regolament humiex preċiżi, u l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra rrapportati mill-entità regolata jkunux ħielsa minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali. Huma meħtieġa regoli armonizzati dwar il-kontrolli li għandhom jitwettqu bħala parti mill-verifika tad-*data* u l-valutazzjoni tal-metodoloġija ta' monitoraġġ u l-fattur tal-ambitu.

(24) Sabiex tiġi ppjanata l-verifika tar-rapport tal-entità regolata u tiġi appoġġata l-valutazzjoni tal-verifikatur dwar jekk dikjarazzjoni skorretta, nonkonformità jew nonosservanza jkollhomx impatt materjali fuq id-*data* tal-emissjonijiet, jenħtieġ li jiġi definit livell xieraq ta' materjalità għall-verifika tar-rapport tal-entità regolata. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv filwaqt li xorta jiġu żgurati l-integrità ambjentali tas-sistema u l-qawwa tal-verifika, livell ta' materjalità aktar strett japplika biss għall-entitajiet regolati bl-ogħla livelli ta' emissjonijiet, jiġifieri emissjonijiet annwali ta' aktar minn 500 kilo tunnellata ta' CO_2.

(25) Bħalma huwa l-każ tal-verifika tar-rapporti tal-operatur, hija r-responsabbiltà tal-verifikatur li jivvaluta jekk id-dikjarazzjoni skorretta, in-nonkonformità jew in-nonosservanza mar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/2066, individwalment jew meta aggregat, jaqbżux il-livell ta' materjalità applikabbli u għalhekk jenħtieġ li jitqiesu bħala materjali. Anke jekk il-livell ta' materjalità ma jinqabiżx, il-verifikatur jenħtieġ li jiddetermina jekk il-kwistjoni rilevanti għandhiex impatt materjali minħabba n-natura, id-daqs u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dik il-kwistjoni partikolari.

(26) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-proċess ta' monitoraġġ u rapportar, l-għoti ta' rakkomandazzjonijiet għal titjib kontinwu tal-monitoraġġ u tar-rapportar tal-entità regolata jenħtieġ li jkun parti mill-attivitajiet ta' verifika mwettqa mill-verifikatur.

(27) Huwa importanti li l-verifikaturi jkunu kompetenti fit-twettiq tal-verifika tar-rapporti tal-entità regolata. Sabiex il-verifikatur jivvaluta l-limiti speċifiċi ta' monitoraġġ u rapportar u l-aspetti tal-entità regolata relatati mas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini, għat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali, jenħtieġ li jiġu definiti kriterji ta' kompetenza speċifiċi għall-verifikaturi li jwettqu verifika tar-rapporti tal-entità regolata. Għal dak il-fini, jenħtieġ li jinħoloq kamp ta' applikazzjoni ta' akkreditazzjoni separat sabiex il-korpi ta' akkreditazzjoni jkunu jistgħu jevalwaw il-kompetenza u l-prestazzjoni tal-verifikatur skont dawn il-kriterji speċifiċi u jakkreditaw lill-verifikaturi skont dak il-kamp ta' applikazzjoni partikolari.

(28) Sabiex jitnaqqas ir-riskju li tiġi pperikolata l-imparzjalità tal-verifikatur, l-awditur ewlieni jenħtieġ li jinbidel wara li jkun wettaq il-verifika tal-istess rapport tal-entità regolata għal ħames snin konsekuttivi. Dan ir-rekwiżit jenħtieġ li ma jipprekludi lill-verifikatur milli jieħu miżuri addizzjonali biex inaqqas ir-riskji ta' imparzjalità.

(29) Il-monitoraġġ u r-rapportar għas-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini, it-trasport bit-triq u setturi addizzjonali għandhom jibdew fl-1 ta' Jannar 2025. F'konformità mal-Artikolu 30f tad-Direttiva 2003/87/KE, l-ewwel rapport ivverifikat tal-entità regolata għandu jiġi ppreżentat lill-awtorità kompetenti sat-30 ta' April 2026, fir-rigward tas-sena ta' rapportar 2025. Għalhekk, huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet rilevanti relatati mal-verifika tar-rapporti tal-entità regolata għas-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jenħtieġ li jsiru applikabbli għall-verifika tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-entità regolata li ssewwħ mill-1 ta' Jannar 2025 'il quddiem. Bl-istess mod, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti relatati mal-verifika tal-informazzjoni elenkata fl-Anness Xa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 isiru applikabbli wkoll mis-sena ta' rapportar 2025 'il quddiem.

(30) L-emendi relatati mal-verifika tad-*data* ta' referenza u l-kontrolli tal-verifikatur fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet għall-kundizzjonalità jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ b'urġenza peress li r-rapporti vverifikati dwar id-*data* ta' referenza bħala parti mill-applikazzjoni tal-allokazzjoni bla ħlas jeħtieġ li jiġu ppreżentati sat-30 ta' Mejju 2024 kif meħtieġ mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331, u għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

(31) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 765/2008, dispożizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-verifikaturi u għall-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi nazzjonali ta' akkreditament skont l-Artikoli 15 u 30f tad-Direttiva 2003/87/KE.";

(2) l-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Kamp ta' Applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għal dawn li ġejjin:

(a) il-verifika tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jkun hemm mill-1 ta' Jannar 2019, irrappurtata skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2003/87/KE, u għall-verifika tad-*data* rilevanti għall-aġġornament tal-valuri ta' referenza *ex ante* u għall-istabbiliment tal-allokazzjoni bla ħlas lill-installazzjonijiet skont l-Artikolu 10a ta' dik id-Direttiva;

(b) il-verifika tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jkun hemm mill-1 ta' Jannar 2025, irrapportati mill-entità regolata skont l-Artikolu 30f tad-Direttiva 2003/87/KE.";

(3) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) "akkreditazzjoni" tfisser attestazzjoni min-naħa ta' korp nazzjonali ta' akkreditament li verifikatur jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti minn standards armonizzati, skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt 9, tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament biex iwettaq il-verifika ta' rapport ta' operatur jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru jew ta' rapport ta' entità regolata skont dan ir-Regolament;";

(b) il-punti (5) u (6) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(5) "dikjarazzjoni skorretta" tfisser ommissjoni, dikjarazzjoni falza jew żball fid-*data* li l-operatur, operatur tal-inġenji tal-ajru jew entità regolata tirraporta, mingħajr ma titqies l-inċertezza permissibbli skont l-Artikolu 12(1), il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;

(6) "dikjarazzjoni skorretta materjali" tfisser dikjarazzjoni skorretta li, fl-opinjoni tal-verifikatur, meta tittieħed waħedha jew flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, taqbeż il-livell ta' materjalità jew tista' taffettwa t-trattament tar-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tar-rapport tal-entità regolata mill-awtorità kompetenti;";

(c) jiddaħħal il-punt (6b) li ġej:

"(6b) "rapport tal-entità regolata" tfisser ir-rapport annwali dwar l-emissjonijiet ippreżentat mill-entità regolata skont l-Artikolu 75p tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;";

(d) il-punt (7) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(7) "rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru" tfisser ir-rapport annwali dwar l-emissjonijiet li operatur jew operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jibgħat skont l-Artikolu 14(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, ir-rapport dwar id-*data* ta' referenza li operatur jibgħat skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 (*), ir-rapport dwar id-*data* ta' min jidħol li l-operatur jibgħat skont l-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament jew ir-rapport annwali dwar il-livell ta' attività";

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/331/oj).";

(e) il-punti (11) u (12) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(11) "sistema ta' kontroll" tfisser il-valutazzjoni tar-riskju tal-operatur, tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tal-entità regolata u sett sħiħ ta' attivitajiet ta' kontroll, fosthom il-ġestjoni kontinwa tagħhom, li operatur, operatur tal-inġenji tal-ajru jew entità regolata tkun stabbilixxiet, iddokumentat, implimentat u żammet skont l-Artikolu 59 jew l-Artikolu 75o tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, jew skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331, skont il-każ;

(12) "attivitajiet ta' kontroll" tfisser kull att li operatur, operatur tal-inġenji tal-ajru jew entità regolata jwettqu biex inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji inerenti;";

(f) fil-punt (13), il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) "għall-finijiet tal-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur jew ta' entità regolata, kull att jew ommissjoni ta' att min-naħa tal-operatur jew l-entità regolata li jmur kontra l-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u r-rekwiżiti fil-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti;

(b) "għall-finijiet tal-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur tal-inġenji tal-ajru, kull att jew ommissjoni ta' att min-naħa tal-operatur tal-inġenji tal-ajru li jmur kontra r-rekwiżiti tal-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti;";

(g) il-punt (14) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(14) "sit" tfisser:

(a) għall-finijiet tal-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur tal-inġenji tal-ajru: il-postijiet fejn jiġi ddefinit u mmaniġġjat il-proċess ta' monitoraġġ, fosthom il-postijiet fejn jiġu kkontrollati u maħżuna d-*data* u l-informazzjoni rilevanti;

(b) għall-finijiet tal-verifika tar-rapport ta' entità regolata: il-postijiet fejn jiġi ddefinit u mmaniġġjat il-proċess ta' monitoraġġ, inklużi l-postijiet fejn id-*data* u l-informazzjoni rilevanti dwar l-ammonti tal-fjuwil rilaxxati mill-entità regolata għall-konsum fl-attivitajiet elenkati fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE jiġu ddeterminati, ikkontrollati u maħżuna mill-entità regolata;";

(h) il-punti (15) sa (19) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(15) "ambjent ta' kontroll" tfisser l-ambjent li fih taħdem is-sistema interna ta' kontroll u l-azzjonijiet ġenerali tal-ġestjoni ta' operatur, operatur tal-inġenji tal-ajru jew entità regolata sabiex jiġi żgurat l-għarfien dwar din is-sistema interna ta' kontroll;

(16) "riskju inerenti" tfisser kemm parametru fir-rapport ta' operatur jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru jew ta' entità regolata jkun suxxettibbli għal dikjarazzjonijiet skorretti li jistgħu jkunu materjali meta jittieħdu waħedhom jew flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, qabel ma jitqies l-effett ta' kull attività ta' kontroll relatata;

(17) "riskju ta' kontroll" tfisser kemm parametru fir-rapport ta' operatur jew operatur tal-inġenji tal-ajru jew ta' entità regolata jkun suxxettibbli għal dikjarazzjonijiet skorretti li jistgħu jkunu materjali meta jittieħdu waħedhom jew flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn u li s-sistema ta' kontroll ma tistax tipprevenihom jew tinnutahom u tikkoreġihom fil-ħin;

(18) "riskju ta' verifika" tfisser ir-riskju, li huwa funzjoni tar-riskju inerenti, tar-riskju ta' kontroll u tar-riskju tad-detezzjoni, li l-verifikatur jagħti opinjoni ta' verifika li ma tkunx xierqa meta r-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew ir-rapport tal-entità regolata jkun fih dikjarazzjonijiet skorretti materjali;

(19) "garanzija raġonevoli" tfisser livell għoli ta' garanzija iżda mhux livell assolut tagħha, espress b'mod pożittiv fl-opinjoni ta' verifika, dwar jekk ir-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew ir-rapport tal-entità regolata li jkun qed jiġi vverifikat ikunx ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali jew le;";

(i) il-punti (21), (22) u (23) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(21) "dokumentazzjoni interna tal-verifika" tfisser id-dokumentazzjoni interna kollha li verifikatur ikun ġabar biex jirreġistra l-provi ddokumentati kollha u l-ġustifikazzjonijiet kollha tal-attivitajiet li jitwettqu għall-verifika ta' rapport ta' operatur jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru jew ta' rapport ta' entità regolata;

(22) "awditur ewlieni tal-EU ETS" tfisser awditur tal-EU ETS li huwa responsabbli għat-tmexxija u għas-sorveljanza tat-tim tal-verifika li jkun responsabbli għat-twettiq u għar-rapportar tal-verifika ta' rapport ta' operatur jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru jew ta' rapport ta' entità regolata;

(23) "awditur tal-EU ETS" tfisser membru individwali ta' tim tal-verifika li jkun responsabbli għat-twettiq ta' verifika ta' rapport ta' operatur jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru jew rapport ta' entità regolata, minbarra l-awditur ewlieni tal-EU ETS;";

(4) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Suppożizzjoni ta' konformità

Meta verifikatur juri li huwa konformi mal-kriterji stabbiliti fl-istandards armonizzati rilevanti ddefiniti fl-Artikolu 2, il-punt 9, tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew ma' partijiet minnhom, huwa għandu, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 7(1) u (4), l-Artikolu 22, l-Artikolu 27(1), l-Artikoli 28, 31, 32, l-Artikoli 43b(1) u (4), l-Artikoli 43v u 43w ta' dan ir-Regolament, jassumi li huwa konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IIIa ta' dan ir-Regolament sal-punt li fih l-istandards armonizzati applikabbli jkopru dawk ir-rekwiżiti.";

(5) It-titolu tal-Kapitolu II huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU II

VERIFIKA TAR-RAPPORTI TA' OPERATUR JEW TA' OPERATUR TAL-INĠENJI TAL-AJRU";

(6) fl-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Rapport ivverifikat dwar l-emissjonijiet, rapport dwar id-*data* ta' referenza, rapport dwar id-*data* ta' min jidħol ġdid jew rapport annwali dwar il-livell ta' attività għandu jkun affidabbli għall-utenti. Huwa għandu jirrappreżenta b'mod ġenwin dak li għandu l-għan li jirrappreżenta jew inkella dak li wieħed jista' jistenna b'mod raġonevoli li jirrappreżenta.";

(7) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

"(aa) l-informazzjoni fir-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru dwar l-Anness Xa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 hija kompluta u tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Anness;";

(ii) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) jekk l-operatur jew l-operatur tal-inġenji tal-ajru jkunx aġixxa f'konformità mar-rekwiżiti tal-permess għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tal-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti jew le meta l-verifika tkun qed issir b'rabta ma' rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur, u jekk huwa jkunx aġixxa f'konformità mar-rekwiżiti tal-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti jew le meta l-verifika tkun qed issir b'rabta ma'rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur tal-inġenji tal-ajru;";

(b) it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"B'deroga mill-punt (b), il-verifikatur għandu jivvaluta jekk l-operatur ta' installazzjoni għall-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali kif imsemmi fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE aġixxiex f'konformità mal-pjan ta' monitoraġġ meta l-Istati Membri ma jkunux talbu li dik l-installazzjoni jkollha permess għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Għall-fini tal-punt (d), il-verifikatur għandu jikseb provi ċari u oġġettivi mingħand l-operatur jew l-operatur tal-inġenji tal-ajru li tappoġġa l-emissjonijiet aggregati rrappurtati jew id-*data* aggregata rrappurtata rilevanti għall-allokazzjoni bla ħlas filwaqt li jqis l-informazzjoni l-oħra kollha pprovduta fir-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru.";

(8) fl-Artikolu 9(1), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) il-post fejn jinsabu l-informazzjoni u d-*data* marbutin mal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jew id-*data* rilevanti għall-allokazzjoni bla ħlas.";

(9) l-Artikolu 10(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-aħħar verżjoni tal-pjan ta' metodoloġija tal-monitoraġġ tal-operatur, kif ukoll kull verżjoni rilevanti oħra tal-pjan ta' metodoloġija tal-monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti, fosthom il-provi tal-approvazzjoni;";

(b) il-punti (g) u (h) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(g) il-proċeduri msemmijin fil-pjan ta' monitoraġġ kif approvat mill-awtorità kompetenti jew fil-pjan ta' metodoloġija tal-monitoraġġ kif approvat mill-awtorità kompetenti, fosthom il-proċeduri għall-attivitajiet tal-fluss tad-*data* u għall-attivitajiet ta' kontroll;

(h) ir-rapport annwali dwar l-emissjonijiet, ir-rapport dwar id-*data* ta' referenza, ir-rapport dwar id-*data* ta' min jidħol ġdid jew ir-rapport annwali dwar il-livell tal-attività tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru, skont il-każ;";

(c) jiddaħħlu l-punti (lb), (lc) u (ld) li ġejjin:

"(lb) meta dan ikun applikabbli, ir-rapporti mill-awditi tal-enerġija jew mis-sistemi ċċertifikati ta' ġestjoni tal-enerġija kif imsemmi fl-Artikolu 22a(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 li jkun fihom ir-rakkomandazzjonijiet minn dawk l-awditi jew mis-sistemi ta' ġestjoni;

(lc) meta dan ikun applikabbli, provi rilevanti li juru l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-awditi tal-enerġija jew mis-sistemi ċċertifikati ta' ġestjoni tal-enerġija kif imsemmi fl-Artikolu 22a(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 fosthom il-proċedura għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 22a(2) ta' dak ir-Regolament;

(ld) provi rilevanti li tapplika waħda mill-kundizzjonijiet fl-Artikolu 22a(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331;";

(10) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punti (b), (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) għall-finijiet tal-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur tal-inġenji tal-ajru, id-daqs tal-operatur tal-inġenji tal-ajru u n-natura tiegħu, it-tqassim tal-informazzjoni f'postijiet differenti, kif ukoll l-għadd ta' titjiriet u t-tip tagħhom;

(c) il-pjan ta' monitoraġġ jew il-pjan ta' metodoloġija tal-monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti, kif ukoll id-dettalji tal-metodoloġija tal-monitoraġġ stabbilita f'dak il-pjan ta' monitoraġġ jew f'dak il-pjan ta' metodoloġija tal-monitoraġġ, skont il-każ;

(d) in-natura, l-iskala u l-kumplessità tas-sorsi tal-emissjonijiet u tal-flussi mis-sorsi, kif ukoll it-tagħmir u l-proċessi li jkunu wasslu għad-*data* dwar l-emissjonijiet jew għad-data rilevanti għall-allokazzjoni bla ħlas, fosthom it-tagħmir tal-kejl deskritt fil-pjan ta' monitoraġġ jew fil-pjan ta' metodoloġija tal-monitoraġġ, skont il-każ, l-oriġini u l-applikazzjoni tal-fatturi ta' kalkolu u sorsi primarji oħrajn tad-*data*;";

(b) fil-paragrafu 4, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) jekk il-verżjoni tal-pjan ta' monitoraġġ jew tal-pjan ta' metodoloġija tal-monitoraġġ ippreżentata lilu ħijiex l-iktar verżjoni reċenti jew le u ġietx approvata mill-awtorità kompetenti;";

(11) fl-Artikolu 13(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) pjan ta' kampjunar tad-*data* li jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-metodi tal-kampjunar tad-*data* b'rabta mal-punti tad-*data* li fuqhom jissejsu l-emissjonijiet aggregati mogħtija fir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru, jew id-*data* aggregata rilevanti għall-allokazzjoni bla ħlas mogħtija fir-rapport dwar id-*data* ta' referenza tal-operatur, fir-rapport dwar id-*data* ta' min jidħol ġdid jew fir-rapport annwali dwar il-livell tal-attività tal-operatur.";

(12) l-Artikolu 16(2) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) għall-finijiet tal-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur tal-inġenji tal-ajru, il-kompletezza tat-titjiriet koperti minn attività tal-avjazzjoni mniżżla fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE li għaliha l-operatur tal-inġenji tal-ajru jkun responsabbli kif ukoll il-kompletezza tad-*data* dwar l-emissjonijiet.";

(b) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) għall-finijiet tal-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur tal-inġenji tal-ajru, il-konsistenza bejn id-*data* rrappurtata u d-dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ;";

(c) il-punt (fa) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(fa) għall-finijiet tal-verifika ta' rapport annwali dwar il-livell ta' attività, il-preċiżjoni tal-parametri mniżżla fl-Artikolu 16(5), fl-Artikoli 19, 20 jew 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 kif ukoll id-*data* meħtieġa skont l-Artikolu 6(1), (2) u (4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842;";

(d) jiddaħħal il-punt (ha) li ġej:

"(ha) għall-fini tal-valutazzjoni tal-informazzjoni fir-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru skont l-Anness Xa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, il-konsistenza bejn dik l-informazzjoni u l-provi tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru, fosthom il-fatturi tal-fjuwil, in-noti ta' kunsinna u l-kuntratti mal-fornituri tal-fjuwil;";

(13) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) jekk il-valur tal-parametri mniżżla fl-Artikolu 16(5), l-Artikoli 19, 20 jew 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 huwiex ibbażat fuq applikazzjoni korretta ta' dak ir-Regolament;";

(b) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Għall-fini tal-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur, il-verifikatur għandu, bħala parti mill-kontroll imsemmi fil-paragrafu 1, jivverifika l-evidenza tal-operatur li turi l-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.";

(c) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Fejn il-bijofjuwil jew il-fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli jista' jiġi attribwit fiżikament għal titjira mniżżla fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE, il-verifikatur għandu jivverifika jekk il-kwantità ta' bijofjuwil jew fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli hijiex attribwita b'mod korrett għat-titjira direttament wara l-ippumpjar tal-fjuwil.

Jekk jitwettqu diversi titjiriet sussegwenti mingħajr ippumpjar tal-fjuwil bejn dawk it-titjiriet sussegwenti, il-verifikatur għandu jivverifika jekk il-kwantità ta' bijofjuwil jew fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli hijiex assenjata proporzjonalment għal dawn it-titjiriet skont l-approċċ imniżżel fil-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti u l-proċedura bil-miktub li l-operatur tal-inġenji tal-ajru jkun implimenta biex jiżgura l-attribuzzjoni xierqa tal-bijofjuwil jew tal-fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli.

Meta l-bijofjuwil jew il-fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli ma jkunx jista' jiġi attribwit fiżikament f'ajrudrom għal titjira speċifika, il-verifikatur għandu jivverifika jekk:

(a) il-bijofjuwil jew il-fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli jkun assenjat b'mod korrett f'pari ta' ajrudromi fir-rapport dwar l-emissjonijiet tal-operatur tal-inġenji tal-ajru;

(b) l-ammont totali tal-bijofjuwil jew tal-fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli ma jaqbiżx il-fjuwil totali rrappurtat ta' dak l-operatur tal-inġenji tal-ajru għal titjiriet li għalihom iridu jiġu ċeduti kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, li joriġinaw mill-ajrudrom li fih jiġi fornut il-bijofjuwil jew il-fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli;

(c) l-ammont totali ta' bijofjuwil jew fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli li għalih iridu jiġu ċeduti kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE ma jaqbiżx il-kwantità totali ta' bijofjuwil jew fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli mixtri li minnu titnaqqas il-kwantità totali ta' bijofjuwil jew fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli mibjugħ lil partijiet terzi;

(d) il-frazzjoni tal-bijomassa fil-bijofjuwil jew il-fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli attribwita għal titjiriet aggregati għal kull par ta' ajrudromi ma taqbiżx il-limitu massimu ta' taħlit għal dak il-bijofjuwil jew fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli kif iċċertifikat skont standard internazzjonali rikonoxxut, jekk tapplika tali limitazzjoni;

(e) il-frazzjoni aggregata tal-bijomassa fil-bijofjuwil jew fil-fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli ma taqbiżx l-ammont ta' bijomassa li għaliha tingħata prova li tissodisfa l-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(f) l-istess ammonti ta' bijofjuwil jew ta' fjuwil tal-avjazzjoni eliġibbli ma ġewx ikkunsidrati f'rapport preċedenti, f'sistema oħra jew minn xi ħaddieħor";

(d) jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

"7. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-informazzjoni fir-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru skont l-Anness Xa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, il-verifikatur għandu jivvaluta u jikkonferma:

(a) meta l-fjuwils ma jintużawx fl-istess sena ta' rappurtar, jekk il-metodoloġija fil-pjan ta' monitoraġġ approvat dwar kif għandhom jiġu allokati l-ammonti ta' fjuwil bejn il-forniturі differenti ġietx applikata b'mod korrett;

(b) jekk l-ammonti ta' fjuwil minn fornitur li jintużaw mill-operatur jew mill-operatur tal-inġenji tal-ajru jaqbżux l-ammonti li jkunu nkisbu mingħand dak il-fornitur filwaqt li jitqiesu l-ammonti maħżuna fl-istokk ikkalkulati f'konformità mal-metodoloġija fil-pjan ta' monitoraġġ approvat.";

(14) jiddaħħlu l-Artikoli 17a u 17b li ġejjin:

"*Artikolu 17a*

Verifiki tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija

1. Skont ir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità skont l-Artikolu 22a tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331, il-verifikatur għandu jivverifika l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-awditi tal-enerġija jew mis-sistemi ċċertifikati ta' ġestjoni tal-enerġija kif imsemmi fl-Artikolu 22a(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 u jikkonferma li l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet tkun tlestiet.

2. Għall-finijiet tal-konferma tat-tlestija tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-verifikatur għandu jivverifika jekk:

(a) il-proċedura għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 22a(2) tar-Regolament Delegat 2019/331 tkunx ġiet segwita, iddokumentata biżżejjed u miżmuma kif xieraq;

(b) l-operatur ikunx ħa miżuri konkreti biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet;

(c) ikunx hemm provi li l-implimentazzjoni tlestiet, fosthom jekk dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġewx immarkati bħala kompluti fil-proċedura msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 17b

Il-verifika tal-applikazzjoni tad-derogi mniżżla fl-Artikolu 22a(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331

1. Meta l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17a ta' dan ir-Regolament ma tkunx tlestiet, il-verifikatur għandu jivvaluta l-provi tal-operatur u jivverifika jekk:

(a) ir-rakkomandazzjonijiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija msemmija fl-Artikolu 22a(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (f), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 inħarġux fl-ewwel 4 snin tal-perjodu ta' referenza;

(b) ir-rakkomandazzjonijiet iwasslux għall-iffrankar tal-enerġija fil-limiti tas-sistema tal-proċess industrijali mwettaq fl-installazzjoni;

(c) il-perjodu ta' rkupru msemmi fl-Artikolu 22a(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 jaqbiżx it-3 snin;

(d) il-kundizzjonijiet operattivi speċifiċi għall-installazzjoni, fosthom il-perjodi ppjanati jew mhux ippjanati ta' manutenzjoni li fuqhom ġie ddeterminat il-perjodu ta' rkupru jkunux għadhom seħħew;

(e) il-kostijiet tal-investiment tar-rakkomandazzjonijiet jaqbżux il-limiti mniżżlin fl-Artikolu 22a(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331;

(f) ikunux ġew implimentati miżuri oħra matul jew wara l-perjodu ta' referenza rilevanti li wasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra ekwivalenti għal dak rakkomandat mir-rapport tal-awditjar tal-enerġija jew mis-sistema ċċertifikata ta' ġestjoni tal-enerġija għall-installazzjoni.

2. Meta l-perjodu ta' rkupru msemmi fl-Artikolu 22a(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 ma jkunx speċifikat fir-rapport tal-awditu tal-enerġija, fis-sistema ċċertifikata ta' ġestjoni tal-enerġija jew f'dikjarazzjoni ġuramentata mill-awditur tal-enerġija, il-verifikatur għandu jivverifika:

(a) il-validità tal-informazzjoni użata biex jiġi stabbilit il-perjodu ta' rkupru;

(b) l-applikazzjoni korretta tal-metodu użat biex jiġi stabbilit il-perjodu ta' rkupru.

3. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (f), il-verifikatur għandu jivverifika u jikkonferma jekk:

(a) l-operatur ikunx implimenta l-miżuri alternattivi u jekk l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri tkunx tlestiet;

(b) ikunx intlaħaq it-tnaqqis ekwivalenti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (f).";

(15) fl-Artikolu 22(3), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-verifikatur għandu jistabbilixxi jekk id-dikjarazzjonijiet skorretti mhux ikkoreġuti, meta jittieħdu waħedhom jew flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, ikollhomx effett materjali fuq l-emissjonijiet totali rrappurtati jew fuq id-*data* totali rrappurtata rilevanti għall-allokazzjoni bla ħlas. Meta jkun qed jivvaluta l-materjalità tad-dikjarazzjonijiet skorretti, il-verifikatur għandu jqis id-daqs u n-natura tad-dikjarazzjonijiet skorretti, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari li fihom ikunu seħħew.";

(16) fl-Artikolu 23, jitħassar il-paragrafu 3;

(17) fl-Artikolu 26(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) biżżejjed informazzjoni biex tappoġġa l-opinjoni ta' verifika, fosthom il-ġustifikazzjonijiet għall-ġudizzji li jkunu saru dwar jekk id-dikjarazzjonijiet skorretti identifikati għandhomx effett materjali fuq l-emissjonijiet irrappurtati jew fuq id-*data* rrappurtata rilevanti għall-allokazzjoni bla ħlas.";

(18) l-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Abbażi tal-informazzjoni miġbura matul il-verifika, il-verifikatur għandu joħroġ rapport ta' verifika lill-operatur jew lill-operatur tal-inġenji tal-ajru għal kull rapport dwar l-emissjonijiet, rapport dwar id-*data* ta' referenza, rapport dwar id-*data* ta' min jidħol ġdid jew rapport annwali dwar il-livell ta' attività li jkun ġie vverifikat, li jkun jikkonsisti minn kwalunkwe mid-dikjarazzjonijiet tal-opinjoni li ġejjin:

(a) li r-rapport ġie vverifikat bħala sodisfaċenti;

(b) li r-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru fih dikjarazzjonijiet skorretti materjali li ma ġewx ikkoreġuti qabel ma nħareġ ir-rapport ta' verifika;

(c) li l-kamp ta' applikazzjoni tal-verifika huwa limitat wisq skont l-Artikolu 28 u l-verifikatur ma setax jikseb biżżejjed provi biex jagħti opinjoni ta' verifika b'garanzija raġonevoli li r-rapport ma fihx dikjarazzjonijiet skorretti materjali;

(d) li n-nonkonformità, meħuda waħedha jew flimkien ma' nonkonformità oħra, ma tipprovdux ċarezza biżżejjed u tipprevjeni lill-verifikatur milli jiddikjara b'garanzija raġonevoli li r-rapport tal-operatur jew l-operatur tal-inġenji tal-ajru ma fihx dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ir-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jiġi vverifikat bħala sodisfaċenti biss meta dan ma jkunx fih dikjarazzjonijiet skorretti materjali.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Meta l-operatur jew l-operatur tal-inġenji tal-ajru jagħmel disponibbli l-informazzjoni rilevanti mniżżla fl-Anness Xa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 lill-entità regolata f'konformità mal-Artikolu 75v(2) ta' dak ir-Regolament, l-operatur jew l-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu wkoll iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-entità regolata l-informazzjoni rilevanti msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (l), (o), (re) u (s) ta' dan l-Artikolu.";

(c) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) jitħassar il-punt (f);

(ii) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) meta dan ikollu x'jaqsam mal-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru, l-emissjonijiet aggregati għal kull attività msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE u għal kull installazzjoni jew għal kull operatur tal-inġenji tal-ajru;";

(iii) il-punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(m) id-dati meta jkunu twettqu ż-żjarat fuq il-post u min ikun wettaqahom, fosthom id-dati taż-żjarat virtwali fuq il-post u, fejn jiġu applikati l-Artikoli 34a u 34b ta' dan ir-Regolament, id-dati tal-aħħar żjara fiżika fuq il-post;";

(iv) jiddaħħal il-punt (na) li ġej:

"(na) informazzjoni dwar jekk twettqitx żjara virtwali fuq il-post kif ukoll ir-raġunijiet għat-twettiq ta' żjarat virtwali fuq il-post u, fejn applikabbli, id-data tal-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti;";

(v) il-punt (ra) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ra) meta l-verifikatur ikun innota tibdil rilevanti fil-parametri mniżżlin fl-Artikolu 16(5), fl-Artikoli 19, 20 jew 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 jew tibdil fl-effiċjenza fl-enerġija skont l-Artikolu 6(1), (2) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1842, deskrizzjoni ta' dan it-tibdil u l-kummenti marbutin miegħu;";

(vi) jiddaħħlu l-punti (rc) u (rd) li ġejjin:

"(rc) konferma li l-verifikatur ikun ivverifika l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija msemmija fl-Artikolu 17a ta' dan ir-Regolament u li l-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet tkun tlestiet, fosthom, fejn rilevanti, deskrizzjoni ta' kull sejba u osservazzjoni;

(rd) konferma li l-verifikatur ikun wettaq il-kontrolli msemmija fl-Artikolu 17b ta' dan ir-Regolament u konferma dwar jekk tapplikax waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 22a(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331, fosthom, fejn rilevanti, deskrizzjoni ta' kull sejba u osservazzjoni;";

(vii) jiddaħħal il-punt (re) li ġej:

"(re) konferma li l-verifikatur ikun wettaq il-kontrolli msemmija fl-Artikolu 16(2), il-punt (ha) u fl-Artikolu 17(7) ta' dan ir-Regolament u li l-ammonti tal-fjuwils użati minn fornitur ma jaqbżux l-ammont li l-operatur jew l-operatur tal-inġenji tal-ajru jkun kiseb mingħand dak il-fornitur filwaqt li jqis l-ammonti maħżuna fl-istokk ikkalkulati skont il-metodoloġija fil-pjan ta' monitoraġġ approvat, fosthom deskrizzjoni ta' kull sejba jew osservazzjoni oħra;";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Għall-finijiet tal-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, jekk Stat Membru jkun jeħtieġ li l-verifikatur jibgħat iktar informazzjoni dwar il-proċess ta' verifika minbarra l-elementi deskritti fil-paragrafu 3 u dik l-informazzjoni ma tkunx meħtieġa biex wieħed jifhem l-opinjoni ta' verifika, għal raġunijiet ta' effiċjenza, l-operatur jew l-operatur tal-inġenji tal-ajru jista' jibgħat dik l-informazzjoni addizzjonali, lill-awtorità kompetenti b'mod separat mir-rapport ta' verifika f'data alternattiva, iżda mhux aktar tard mill-15 ta' Mejju tal-istess sena.";

(19) fl-Artikolu 28, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) il-pjan ta' metodoloġija tal-monitoraġġ ma jkunx ġie approvat mill-awtorità kompetenti.";

(20) fl-Artikolu 30(1), il-punti (d) u (e) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(d) il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet, fosthom b'rabta mal-ilħiq ta' saffi oħla, mat-tnaqqis tar-riskji u mat-titjib tal-effiċjenza tal-monitoraġġ u tar-rappurtar;

(e) il-monitoraġġ u r-rappurtar tad-*data* għar-rapporti dwar id-*data* ta' referenza u għar-rapporti dwar id-*data* ta' min jidħol ġdid u r-rapporti annwali dwar il-livell tal-attività, fosthom b'rabta mal-ilħiq tal-oġħla livell ta' preċiżjoni marbutin mas-sorsi tad-*data* mniżżla fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331, mat-tnaqqis tar-riskji u mat-titjib fl-effiċjenza tal-monitoraġġ u tar-rappurtar.";

(21) jiddaħħal l-Artikolu 30a li ġej:

"*Artikolu 30a*

Trattament tal-osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-effiċjenza fl-enerġija

Meta jkunu ġew irrappurtati osservazzjonijiet jew sejbiet fir-rapport ta' verifika msemmi fl-Artikolu 27(3), il-punt (rc), fis-sena ta' wara, matul il-verifika tar-rapport annwali dwar il-livell ta' attività, il-verifikatur għandu jivverifika liema azzjoni jkun ħa l-operatur b'riżultat ta' dawk l-osservazzjonijiet u jekk dan għandux impatt fuq il-konferma tal-verifikatur li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet pendenti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 22a(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 tkun tlestiet.";

(22) fl-Artikolu 32(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) jiġu applikati valuri prestabbiliti għall-fatturi ta' kalkolu tal-gass naturali jew fejn il-fatturi ta' kalkolu tal-gass naturali jiġu stabbiliti direttament minn trasportatur estern tal-gass mingħajr ebda pproċessar mill-operatur bl-użu ta' analizzaturi online li jkunu jidħlu fi skema legali xierqa għall-kontroll tal-analizzaturi fiskali;";

(23) fl-Artikolu 33, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 21(1) ta' dan ir-Regolament, verifikatur jista' jiddeċiedi li ma jwettaqx żjara fuq il-post ta' operatur tal-inġenji tal-ajru bl-użu tal-għodod issimplifikati msemmija fl-Artikolu 55(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jekk huwa jkun ikkonkluda, abbażi tal-analiżi tar-riskju tiegħu, li jista' jkollu aċċess mill-bogħod għad-*data* rilevanti kollha.";

(24) fl-Artikolu 34a, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 34a*

Żjarat virtwali fuq il-post għall-verifika tar-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru";"

(25) jiddaħħal l-Artikolu 34b li ġej:

"*Artikolu 34b*

Żjarat virtwali fuq il-post għall-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet tal-operatur tal-inġenji tal-ajru

1. B'deroga mill-Artikolu 21(1), il-verifikatur jista' jiddeċiedi li jwettaq żjara virtwali fuq il-post għall-fini tal-verifika tar-rapport ta' operatur tal-inġenji tal-ajru f'każijiet oħra minbarra dawk koperti mill-Artikolu 34a. Id-deċiżjoni tal-verifikatur li jwettaq żjara virtwali fuq il-post għandha tissejjes fuq l-eżitu tal-analiżi tar-riskju u għandha tittieħed wara li jiġi stabbilit li l-verifikatur jista' jkollu aċċess mill-bogħod għad-*data* rilevanti kollha. Il-verifikatur għandu javża lill-operatur tal-inġenji tal-ajru bid-deċiżjoni tiegħu li jwettaq żjara virtwali fuq il-post mingħajr dewmien żejjed.

2. Il-verifikatur għandu jieħu miżuri biex inaqqas ir-riskju ta' verifika għal livell aċċettabbli sabiex jikseb garanzija raġonevoli li r-rapport tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jkun ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali jew le.

3. F'każijiet oħra minbarra dawk koperti mill-Artikolu 34a, il-verifikatur għandu dejjem iwettaq żjara fiżika fuq il-post fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) meta verifikatur jkun qed jivverifika r-rapport dwar l-emissjonijiet ta' operatur tal-inġenji tal-ajru għall-ewwel darba;

(b) jekk verifikatur ma jkunx wettaq żjara fiżika fuq il-post fiż-żewġ perjodi ta' rappurtar ta' eżatt qabel il-perjodu attwali ta' rappurtar;

(c) jekk ikun sar tibdil sinifikanti fil-pjan ta' monitoraġġ matul il-perjodu ta' rappurtar, fosthom dak imsemmi fl-Artikolu 15(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;

(d) jekk, għall-perjodu ta' rappurtar preċedenti, il-figura tal-istatus ta' osservanza fir-Reġistru tal-Unjoni msemmi fit-Tabella XIV-I tal-Anness XIII tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 (*) tkun differenti mis-simbolu A.

4. Il-paragrafu 3, il-punt (d), ma għandux japplika meta l-operatur tal-inġenji tal-ajru jkun eliġibbli għal verifika simplifikata f'konformità mal-Artikolu 33(2).";

_____

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1122/oj).";

(26) fl-Artikolu 36(6), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-evalwatur kompetenti għandu jimmonitorja lil dawk l-awdituri matul il-verifika tar-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tar-rapport tal-entità regolata fis-sit tal-installazzjoni, tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tal-entità regolata skont il-każ, biex jistabbilixxi jekk huma jissodisfawx il-kriterji ta' kompetenza jew le.";

(27) fl-Artikolu 37(5), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. It-tim ta' verifika għandu jinkludi tal-inqas persuna waħda li jkollha l-kompetenza teknika u l-għarfien meħtieġ biex tivvaluta l-aspetti tekniċi speċifiċi tal- monitoraġġ u ta' rappurtar marbutin mal-attivitajiet imsemmijin fl-Anness I li jitwettqu mill-installazzjoni, mill-operatur tal-inġenji tal-ajru jew mill-entità regolata. It-tim tal-verifika għandu jinkludi wkoll persuna waħda li tkun kapaċi tikkomunika bl-ilsien meħtieġ għall-verifika tar-rapport ta' operatur jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru fl-Istat Membru fejn il-verifikatur ikun qed iwettaq dik il-verifika.";

(28) fl-Artikolu 38(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-ħila li jwettaq l-attivitajiet marbutin mal-verifika ta' rapport ta' operatur jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru jew ta' rapport ta' entità regolata kif meħtieġ skont il-Kapitolu II;";

(29) jiddaħħal il-Kapitolu IIIa li ġej:

"Kapitolu IIIa

VERIFIKA TAR-RAPPORTI TAL-ENTITÀ REGOLATA

Artikolu 43a

Affidabbiltà tal-verifika tar-rapporti tal-entità regolata

1. Rapport ta' entità regolata vverifikat għandu jkun affidabbli għall-utenti. Huwa għandu jirrappreżenta fedelment dak li għandu l-għan li jirrappreżenta jew inkella dak li raġonevolment mistenni li jirrappreżenta.

2. Il-proċess ta' verifika tar-rapport ta' entità regolata għandu jkun għodda affidabbli u effettiva ta' appoġġ għall-proċeduri ta' garanzija tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità, li tipprovdi informazzjoni li entità regolata tkun tista' tuża biex ittejjeb il-prestazzjoni tagħha b'rabta mal-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet.

Artikolu 43b

Obbligi ġenerali tal-verifikatur

1. Il-verifikatur għandu jwettaq il-verifika u l-attivitajiet meħtieġa skont dan il-Kapitolu bl-għan li jipprovdi rapport ta' verifika li jikkonkludi b'garanzija raġonevoli li r-rapport tal-entità regolata ma fihx dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

2. Il-verifikatur għandu jippjana u jwettaq il-verifika b'attitudni ta' xettiċiżmu professjonali u jirrikonoxxi li jista' jkun hemm ċirkostanzi li jwasslu biex ir-rapport tal-entità regolata jkun fih dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

3. Il-verifikatur irid iwettaq verifika fl-interess pubbliku u jkun indipendenti mill-entità regolata u mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għad-Direttiva 2003/87/KE.

4. Waqt il-verifika, il-verifikatur għandu jivvaluta dan li ġej:

(a) jekk ir-rapport tal-entità regolata huwiex komplut u jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi X u Xb tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;

(b) jekk l-entità regolata tkunx aġixxiet f'konformità mar-rekwiżiti tal-permess għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tal-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti jew le;

(c) jekk id-*data* fir-rapport tal-entità regolata tkunx ħielsa minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali jew le;

(d) jekk tistax tiġi pprovduta informazzjoni li tappoġġa il-fluss tad-*data* u s-sistema ta' kontroll tal-entità regolata u l-proċeduri marbutin magħhom sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-monitoraġġ u tar-rappurtar tal-entità regolata jew le.

Għall-fini tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, il-verifikatur għandu jikseb provi ċari u oġġettivi mingħand l-entità regolata li jappoġġaw l-emissjonijiet aggregati rrappurtati jew id-*data* aggregata rrappurtata rilevanti għall-allokazzjoni bla ħlas, filwaqt li jqis l-informazzjoni l-oħra kollha pprovduta fir-rapport tal-entità regolata.

5. Il-verifikatur għandu jagħti parir lill-entità regolata biex tikseb l-approvazzjoni meħtieġa mingħand l-awtorità kompetenti jekk:

(a) l-awtorità kompetenti ma tkunx approvat il-pjan ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 75b(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;

(b) il-pjan ta' monitoraġġ ma jkunx komplut;

(c) matul il-perjodu ta' rappurtar, ikun sar tibdil sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 75b(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 li l-awtorità kompetenti ma tkunx approvat kif xieraq.

Wara li l-awtorità kompetenti tagħti l-approvazzjoni tagħha, il-verifikatur għandu jkompli l-attivitajiet ta' verifika jew jirrepetihom jew jadattahom kif xieraq. Jekk ma tkunx inkisbet l-approvazzjoni qabel ma jinħareġ ir-rapport ta' verifika, il-verifikatur għandu jniżżel dan fir-rapport ta' verifika.

6. Jekk il-verifikatur isib li entità regolata ma tkunx qed tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, dik l-irregolarità għandha tiġi inkluża fir-rapport ta' verifika, anke jekk l-awtorità kompetenti tkun approvat il-pjan ta' monitoraġġ ikkonċernat.

Artikolu 43c

Obbligi prekuntrattwali

1. Qabel ma jaċċetta impenn ta' verifika, verifikatur għandu jikseb fehim xieraq tal-entità regolata u jivvaluta jekk jistax jidħol għall-verifika jew le. Għal dan il-fini, il-verifikatur għandu jagħmel tal-inqas l-affarijiet li ġejjin:

(a) jevalwa r-riskji involuti fit-twettiq tal-verifika tar-rapport tal-entità regolata f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(b) janalizza l-informazzjoni li l-entità regolata tipprovdilu sabiex jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-verifika;

(c) jivvaluta jekk l-impenn jidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditament tiegħu jew le;

(d) jivvaluta jekk għandux il-kompetenza, il-persunal u r-riżorsi meħtieġa biex jagħżel tim tal-verifika li jkun kapaċi jittratta l-kumplessità tal-attivitajiet u tal-flotta tal-entità regolata, kif ukoll jekk huwiex kapaċi jlesti b'suċċess l-attivitajiet ta' verifika fil-perjodu taż-żmien meħtieġ jew le;

(e) jivvaluta jekk jistax jiżgura li t-tim tal-verifika potenzjali li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu għandu l-kompetenza u l-persuni kollha meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet ta' verifika għal dik l-entità regolata speċifika jew le;

(f) għal kull impenn ta' verifika mitlub, jistabbilixxi l-allokazzjoni tal-ħin meħtieġa biex il-verifika ssir sew.

2. L-entità regolata għandha tagħti lill-verifikatur l-informazzjoni kollha rilevanti li tippermettilu jwettaq l-attivitajiet li jissemmew fil-paragrafu 1.

Artikolu 43d

Allokazzjoni tal-ħin

1. Huwa u jistabbilixxi l-allokazzjoni tal-ħin għal impenn ta' verifika msemmija fl-Artikolu 43c(1), il-punt (f), il-verifikatur għandu jqis tal-inqas l-affarijiet li ġejjin:

(a) il-kumplessità tal-entità regolata;

(b) il-livell ta' informazzjoni u l-kumplessità tal-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti;

(c) il-livell meħtieġ ta' materjalità;

(d) il-kumplessità u l-kompletezza tal-attivitajiet tal-fluss tad-*data* u tas-sistema ta' kontroll tal-entità regolata;

(e) il-post fejn jinsabu l-informazzjoni u d-*data* marbutin mal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

2. Il-verifikatur għandu jiżgura li l-kuntratt tal-verifika jipprevedi l-possibbiltà ta' ħin li jrid jiġi ċċarġjat minbarra l-ħin miftiehem fil-kuntratt meta jinstab li t-tali ħin addizzjonali jkun meħtieġ għall-analiżi strateġika, għall-analiżi tar-riskji jew għal attivitajiet oħrajn ta' verifika. Is-sitwazzjonijiet li fihom jaf ikun meħtieġ il-ħin addizzjonali għandhom jinkludu tal-inqas dawn li ġejjin:

(a) waqt il-verifika meta l-attivitajiet tal-fluss tad-*data*, l-attivitajiet ta' kontroll jew il-loġistika tal-entità regolata jidhru li jkunu iżjed kumplessi minn dak li kien previst fil-bidu;

(b) meta l-verifikatur jidentifika dikjarazzjonijiet skorretti, nonkonformità, *data* insuffiċjenti jew żbalji fis-settijiet tad-*data* waqt il-verifika.

3. Il-verifikatur għandu jirreġistra l-ħin allokat fid-dokumentazzjoni interna tal-verifika.

Artikolu 43e

Informazzjoni mingħand l-entità regolata

1. Qabel l-analiżi strateġika u f'mumenti oħrajn waqt il-verifika, l-entità regolata għandha tagħti lill-verifikatur l-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) il-permess għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-entità regolata;

(b) l-aħħar verżjoni tal-pjan ta' monitoraġġ tal-entità regolata, kif ukoll kull verżjoni rilevanti oħra tal-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti, fosthom il-provi tal-approvazzjoni;

(c) deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-fluss tad-*data* tal-entità regolata;

(d) il-valutazzjoni tar-riskju tal-entità regolata f'konformità mal-Artikolu 59(2), il-punt (a), u l-Artikolu 75o tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, u deskrizzjoni tas-sistema ġenerali ta' kontroll;

(e) il-proċeduri msemmijin fil-pjan ta' monitoraġġ kif approvat mill-awtorità kompetenti, fosthom il-proċeduri għall-attivitajiet tal-fluss tad-*data* u għall-attivitajiet ta' kontroll;

(f) ir-rapport tal-entità regolata, fosthom l-informazzjoni rrapportata mniżżla fl-Anness Xb tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;

(g) l-informazzjoni mniżżla fl-Anness Xa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, meta l-entità regolata tkun irċeviet l-informazzjoni fir-rapport tal-operatur, tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tal-kumpanija tat-tbaħħir, f'konformità mal-Artikolu 75v(2) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni;

(h) meta l-entità regolata tkun irċeviet l-informazzjoni fir-rapport tal-operatur, tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tal-kumpanija tat-tbaħħir skont l-Anness Xa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, kull osservazzjoni jew sejba marbuta ma' dik l-entità regolata li tkun ġiet irrappurtata fir-rapport ta' verifika mill-verifikatur li jivverifika r-rapport tal-operatur, tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tal-kumpanija tat-tbaħħir f'konformità mal-Artikolu 27(3), il-punti (l), (o), (re) u (s), ta' dan ir-Regolament;

(i) il-pjan ta' kampjunar tal-entità regolata, imsemmi fl-Artikolu 33 u l-Artikolu 75k(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, kif approvat mill-awtorità kompetenti, meta dan ikun applikabbli;

(j) meta l-pjan ta' monitoraġġ ikun inbidel matul il-perjodu ta' rappurtar, rekord ta' dak it-tibdil kollu f'konformità mal-Artikolu 16(3) u l-Artikolu 75b(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;

(k) ir-rapporti msemmija fl-Artikolu 75q tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, meta dan ikun applikabbli;

(l) ir-rapport ta' verifika tas-sena ta' qabel meta l-verifikatur ma jkunx wettaq il-verifika tal-entità regolata dik is-sena;

(m) il-korrispondenza kollha rilevanti mal-awtorità kompetenti, b'mod partikolari l-informazzjoni marbuta man-notifika ta' tibdil fil-pjan ta' monitoraġġ kif ukoll il-korrezzjonijiet tad-*data* rrappurtata;

(n) l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti sabiex ma jitwettqux iż-żjarat fuq il-post skont l-Artikoli 43v u 43w ta' dan ir-Regolament;

(o) provi min-naħa tal-entità regolata li juru l-konformità mal-limiti tal-inċertezza għas-saffi stabbiliti fil-pjan ta' monitoraġġ;

(p) kull informazzjoni rilevanti oħra meħtieġa għall-ippjanar tal-verifika u għat-twettiq tagħha.

2. Qabel ma l-verifikatur joħroġ ir-rapport ta' verifika, l-entità regolata għandha tagħtih ir-rapport finali awtorizzat u vvalidat internament tiegħu.

Artikolu 43f

Analiżi strateġika

1. Fil-bidu tal-verifika, il-verifikatur għandu jivvaluta n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-kompiti tal-verifika billi jwettaq analiżi strateġika tal-attivitajiet kollha li jkunu rilevanti għall-entità regolata.

2. Sabiex jifhem l-attivitajiet li twettaq l-entità regolata, il-verifikatur għandu jiġbor u janalizza l-informazzjoni meħtieġa sabiex jivvaluta li t-tim ta' verifika huwa kompetenti biżżejjed biex iwettaq il-verifika, sabiex jistabbilixxi li l-allokazzjoni tal-ħin indikata fil-kuntratt ġiet stabbilita tajjeb u sabiex jiżgura li huwa għandu l-ħila jwettaq l-analiżi tar-riskju meħtieġa. L-informazzjoni għandha tinkludi tal-inqas l-affarijiet li ġejjin:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 43e(1);

(b) il-livell meħtieġ ta' materjalità;

(c) l-informazzjoni miksuba mill-verifika tas-snin ta' qabel, jekk il-verifikatur ikun qed iwettaq il-verifika għall-istess entità regolata.

3. Huwa u janalizza l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-verifikatur għandu jivvaluta tal-inqas dan li ġej:

(a) il-kategorija tal-entità regolata kif ukoll l-attivitajiet tas-settur li għalihom l-entità regolata tirrilaxxa l-fjuwils għall-konsum;

(b) il-kumplessità tal-katina tal-provvista tal-fjuwil kif ukoll l-għadd u t-tip ta' konsumaturi tal-fjuwil;

(c) il-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti kif ukoll id-dettalji tal-metodoloġija tal-monitoraġġ u l-fattur tal-ambitu stabbiliti f'dak il-pjan ta' monitoraġġ, skont il-Kapitolu VIIa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;

(d) in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-flussi tal-fjuwil kif ukoll it-tagħmir, is-sorsi tad-*data* u l-proċessi li jkunu wasslu għall-ammonti ta' fjuwil rilaxxat, l-oriġini u l-applikazzjoni tal-fatturi ta' kalkolu u sorsi primarji oħrajn tad-*data*;

(e) l-attivitajiet tal-fluss tad-*data*, is-sistema ta' kontroll u l-ambjent ta' kontroll.

4. Huwa u jwettaq l-analiżi strateġika, il-verifikatur għandu jivverifika dan li ġej:

(a) jekk il-verżjoni tal-pjan ta' monitoraġġ ippreżentata lilu hijiex l-iktar verżjoni reċenti jew le u jekk ġietx approvata mill-awtorità kompetenti jew le meta tkun meħtieġa tali approvazzjoni;

(b) jekk sarx kwalunkwe tibdil fil-pjan ta' monitoraġġ matul il-perjodu ta' rappurtar;

(c) meta jkun applikabbli, jekk l-awtorità kompetenti ġietx mgħarrfa bit-tibdil imsemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 15(1) u 75b(1) jew l-Artikolu 75g tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jew jekk l-awtorità kompetenti approvatx dan it-tibdil skont l-Artikoli 15(2) u 75b(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

Artikolu 43g

Analiżi tar-riskji

1. Il-verifikatur għandu jidentifika u janalizza l-elementi li ġejjin sabiex ifassal, jippjana u jimplimenta verifika effettiva:

(a) ir-riskji inerenti;

(b) l-attivitajiet ta' kontroll;

(c) meta jkunu ġew implimentati l-attivitajiet ta' kontroll imsemmijin fil-punt (b), ir-riskji ta' kontroll marbutin mal-effettività ta' dawk l-attivitajiet ta' kontroll.

2. Huwa u jidentifika u janalizza l-elementi msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-verifikatur għandu jqis tal-inqas dan li ġej:

(a) is-sejbiet tal-analiżi strateġika msemmija fl-Artikolu 43f(1);

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 43e fl-Artikolu 43f(2), il-punt (c);

(c) il-livell ta' materjalità msemmi fl-Artikolu 43f(2), il-punt (b).

3. Jekk il-verifikatur jistabbilixxi li l-entità regolata tkun naqqset milli tidentifika r-riskji inerenti u r-riskji ta' kontroll rilevanti fil-valutazzjoni tar-riskju tagħha, il-verifikatur għandu javża lill-entità regolata b'dan.

4. Meta jkun xieraq skont l-informazzjoni miksuba waqt il-verifika, il-verifikatur għandu jirrevedi l-analiżi tar-riskji u jibdel l-attivitajiet ta' verifika li jridu jitwettqu jew jirrepetihom.

Artikolu 43h

Pjan ta' verifika

1. Il-verifikatur għandu jabbozza pjan ta' verifika li jkun proporzjonat mal-informazzjoni miksuba u mar-riskji identifikati waqt l-analiżi strateġika u waqt l-analiżi tar-riskji, li jrid ikun fih tal-inqas dan li ġej:

(a) programm ta' verifika li jiddeskrivi n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ta' verifika kif ukoll il-ħin li fih iridu jitwettqu dawn l-attivitajiet u l-mod kif għandhom jitwettqu;

(b) pjan magħmul bħala test li jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ta' kontroll u l-metodi tal-ittestjar tagħhom, kif ukoll il-proċeduri għall-attivitajiet ta' kontroll;

(c) pjan ta' kampjunar tad-*data* li jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-metodi tal-kampjunar tad-*data* b'rabta mal-punti tad-*data* li fuqhom jissejsu l-emissjonijiet aggregati mogħtija fir-rapport tal-entità regolata.

2. Il-verifikatur għandu jistabbilixxi l-pjan magħmul bħala test imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu b'mod li jippermettilu jistabbilixxi kemm jista' joqgħod fuq l-attivitajiet ta' kontroll rilevanti biex jivvaluta l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 43b(4), il-punti (b) u (c).

Huwa u jistabbilixxi d-daqs tal-kampjunar u l-attivitajiet ta' kampjunar għall-ittestjar tal-attivitajiet ta' kontroll, il-verifikatur għandu jqis l-elementi li ġejjin:

(a) ir-riskji inerenti;

(b) l-ambjent ta' kontroll;

(c) l-attivitajiet ta' kontroll rilevanti;

(d) ir-rekwiżit li jagħti opinjoni ta' verifika b'garanzija raġonevoli.

3. Huwa u jistabbilixxi d-daqs tal-kampjunar u l-attivitajiet ta' kampjunar għall-kampjunar tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c), il-verifikatur għandu jqis l-elementi li ġejjin:

(a) ir-riskji inerenti u r-riskji ta' kontroll;

(b) ir-riżultati tal-proċeduri analitiċi;

(c) ir-rekwiżit li jagħti opinjoni ta' verifika b'garanzija raġonevoli;

(d) il-livell ta' materjalità;

(e) il-materjalità tal-kontribut ta' element individwali tad-*data* għas-sett tad-*data* ġenerali.

4. Il-verifikatur għandu jistabbilixxi u jimplimenta l-pjan ta' verifika b'tali mod li r-riskju ta' verifika jitnaqqas għal livell aċċettabbli sabiex tinkiseb garanzija raġonevoli li r-rapport tal-entità regolata ma fihx dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

5. Il-verifikatur għandu jaġġorna l-analiżi tar-riskji u l-pjan ta' verifika u jadatta l-attivitajiet ta' verifika waqt il-verifika meta huwa jsib riskji addizzjonali li jeħtieġ li jitnaqqsu jew meta huwa jsib li r-riskju reali huwa inqas minn dak li kien mistenni fil-bidu.

Artikolu 43i

Attivitajiet ta' verifika

Il-verifikatur għandu jimplimenta l-pjan ta' verifika u jivverifika l-implimentazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ kif approvat mill-awtorità kompetenti skont il-każ, abbażi tal-analiżi tar-riskji.

Għal dak l-għan, il-verifikatur għandu jwettaq tal-inqas ittestjar sostantiv li jkun jikkonsisti fi proċeduri analitiċi, verifika tad-*data* u verifika tal-metodoloġija tal-monitoraġġ u għandu jivverifika dan li ġej:

(a) l-attivitajiet tal-fluss tad-*data* u s-sistemi użati fil-fluss tad-*data*, fosthom is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni;

(b) jekk l-attivitajiet ta' kontroll tal-entità regolata humiex iddokumentati, implimentati u miżmuma kif xieraq u humiex effettivi biex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji inerenti jew le;

(c) jekk il-proċeduri mniżżlin fil-pjan ta' monitoraġġ humiex effettivi biex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji inerenti u r-riskji ta' kontroll jew le u jekk il-proċeduri humiex implimentati, iddokumentati biżżejjed u miżmuma sew jew le.

Għall-finijiet tal-punt (a) tat-tieni paragrafu, il-verifikatur għandu jsegwi l-fluss tad-*data* billi jsegwi s-sekwenza u l-interazzjoni tal-attivitajiet tal-fluss tad-*data* mid-*data* mis-sorsi primarji sal-kompilazzjoni tar-rapport tal-entità regolata.

Artikolu 43j

Proċeduri analitiċi

1. Il-verifikatur għandu juża proċeduri analitiċi biex jivvaluta kemm hi plawżibbli u kompluta d-*data* f'każijiet fejn ir-riskju inerenti, ir-riskju ta' kontroll u l-livell ta' adattament tal-attivitajiet ta' kontroll tal-entità regolata juru li hemm bżonn isiru t-tali proċeduri analitiċi.

2. Meta jkun qed iwettaq il-proċeduri analitiċi msemmijin fil-paragrafu 1, il-verifikatur għandu jivvaluta d-*data* rrappurtata sabiex jidentifika l-oqsma potenzjali ta' riskju u wara jivvalida l-attivitajiet ta' verifika ppjanati u jadattahom għalihom. Il-verifikatur għandu jagħmel tal-inqas dan li ġej:

(a) jivvaluta kemm huma plawżibbli l-varjazzjonijiet u x-xejriet tul iż-żmien jew fost l-oġġetti li jistgħu jitqabblu ma' xulxin;

(b) jidentifika l-anomaliji immedjati, id-*data* mhux mistennija u nuqqasijiet fid-*data*.

3. Meta jkun qed japplika l-proċeduri analitiċi msemmijin fil-paragrafu 1, il-verifikatur għandu jwettaq il-proċeduri li ġejjin:

(a) proċeduri analitiċi preliminari b'rabta mad-*data* aggregata qabel ma jwettaq l-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 43i sabiex jifhem in-natura, il-kumplessità u r-rilevanza tad-*data* rrappurtata;

(b) proċeduri analitiċi sostantivi b'rabta mad-*data* aggregata u mal-punti tad-*data* li fuqhom tissejjes din id-*data* sabiex jidentifika l-iżbalji strutturali potenzjali u l-anomaliji immedjati li jista' jkun hemm;

(c) proċeduri analitiċi finali b'rabta mad-*data* aggregata sabiex jiżgura li l-iżbalji kollha li jkunu ġew identifikati waqt il-proċess ta' verifika jkunu ssolvew b'mod korrett.

4. Meta l-verifikatur jidentifika anomaliji, varjazzjonijiet, xejriet, nuqqasijiet fid-*data* jew *data* li ma tkunx konsistenti ma' informazzjoni rilevanti oħra jew li tkun tvarja ħafna mill-ammonti jew mill-proporzjonijiet mistennija, huwa għandu jikseb spjegazzjonijiet mingħand l-entità regolata appoġġati minn provi rilevanti addizzjonali.

Abbażi tal-ispjegazzjonijiet u tal-provi addizzjonali pprovduti, il-verifikatur għandu jivvaluta l-impatt tagħhom fuq il-pjan ta' verifika u fuq l-attivitajiet ta' verifika li jridu jitwettqu.

Artikolu 43k

Verifika tad-*data*

1. Il-verifikatur għandu jivverifika d-*data* mogħtija fir-rapport tal-entità regolata billi jittestja d-*data* b'mod iddettaljat, fosthom billi jittraċċa d-*data* lura lejn is-sors primarju tad-*data*, billi jivverifika d-*data* ma' sorsi esterni tad-*data*, billi jwettaq rikonċiljazzjonijiet, billi jivverifika l-limiti marbutin mad-*data* xierqa u billi jagħmel il-kalkoli mill-ġdid.

2. Huwa u jivverifika d-*data* msemmija fil-paragrafu 1 u filwaqt li jqis il-pjan ta' monitoraġġ approvat, fosthom il-proċeduri deskritti f'dak il-pjan, il-verifikatur għandu jivverifika dan li ġej:

(a) il-limiti tal-monitoraġġ tal-entità regolata, fosthom il-postijiet minn fejn jiġi rilaxxat il-fjuwil lill-konsumatur;

(b) il-kompletezza tal-flussi tal-fjuwil rilaxxati kif deskritt fil-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti kif ukoll il-kwantitajiet ta' fjuwil u d-*data* tal-emissjonijiet assoċjati;

(c) il-konsistenza bejn il-kwantitajiet aggregati ta' fjuwil rilaxxati u d-*data* dwar fjuwil mixtri jew ipprovdut mod ieħor lill-entità regolata;

(d) il-konsistenza tad-*data* aggregata rrappurtata f'rapport ta' entità regolata mad-*data* mis-sorsi primarji;

(e) l-affidabbiltà u l-preċiżjoni tad-*data*.

Artikolu 43l

Verifika tal-applikazzjoni korretta tal-metodoloġija tal-monitoraġġ

1. Il-verifikatur għandu jivverifika l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni korretti tal-metodoloġija tal-monitoraġġ kif approvata mill-awtorità kompetenti fil-pjan ta' monitoraġġ, fosthom id-dettalji speċifiċi ta' dik il-metodoloġija tal-monitoraġġ.

2. Għall-finijiet tal-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet tal-entità regolata, il-verifikatur għandu jivverifika l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni korretti tal-pjan ta' kampjunar imsemmi fl-Artikoli 33 u 75k tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, kif approvat mill-awtorità kompetenti.

3. Meta skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 l-entità regolata jkollha turi osservanza mal-limiti tal-inċertezza għad-*data* dwar l-attività u għall-fatturi ta' kalkolu, il-verifikatur għandu jikkonferma l-validità tal-informazzjoni li tkun intużat biex jiġu kkalkulati l-livelli tal-inċertezza kif stabbilit fil-pjan ta' monitoraġġ approvat.

4. Huwa u jivverifika l-metodoloġija ta' monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-verifikatur għandu jivverifika l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni korretti tal-metodu sabiex jistabbilixxi l-fattur tal-ambitu kif stabbilit fil-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti, skont il-Kapitolu VIIa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

5. Il-verifikatur għandu jivverifika l-provi tal-entità regolata li tistabbilixxi jekk il-fjuwil ġiex rilaxxat għall-konsum fis-setturi koperti mill-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE.

6. Għall-finijiet tal-valutazzjoni ta' jekk il-fjuwils rilaxxati għall-konsum fis-setturi koperti mill-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE jintużawx fl-istess sena ta' rappurtar u jekk jistgħux jitnaqqsu f'konformità mal-Artikolu 75v(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, il-verifikatur għandu jivverifika l-konsistenza bejn l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 43e(1), il-punt (g), ta' dan ir-Regolament mal-informazzjoni fir-rapport tal-entità regolata tal-Anness Xb tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

Artikolu 43m

Verifika tal-metodi applikati għad-*data* nieqsa

1. Meta jkunu ntużaw il-metodi stabbiliti fil-pjan ta' monitoraġġ kif approvat mill-awtorità kompetenti biex tiġi kompluta d-*data* nieqsa skont l-Artikoli 66 u 75o tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, il-verifikatur għandu jivverifika jekk il-metodi użati kinux xierqa għas-sitwazzjoni speċifika jew le u jekk ġewx applikati tajjeb jew le.

Jekk l-entità regolata tkun kisbet approvazzjoni mingħand l-awtorità kompetenti biex tuża metodi oħrajn minbarra dawk imsemmijin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 66 u 75o tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, il-verifikatur għandu jivverifika jekk l-approċċ approvat ġiex applikat tajjeb u ddokumentat kif xieraq jew le.

Meta entità regolata ma tkunx kapaċi tikseb it-tali approvazzjoni fil-ħin, il-verifikatur għandu jivverifika jekk l-approċċ li l-entità regolata tkun użat biex iżżid id-*data* nieqsa jiżgurax li l-emissjonijiet ma jiġux issottovalutati jew le u li dan l-approċċ ma jwassalx għal dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

2. Il-verifikatur għandu jivverifika l-effettività tal-attivitajiet ta' kontroll li l-entità regolata tkun implimentat biex jevita li jkun hemm id-*data* nieqsa msemmija fl-Artikoli 66 u 75o tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

Artikolu 43n

Kampjunar

1. Huwa u jivverifika l-konformità tal-attivitajiet ta' kontroll u tal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 43i, il-punti (b) u (c), jew huwa u jwettaq il-verifiki msemmijin fl-Artikoli 43j u 43k, il-verifikatur jista' juża metodi tal-kampjunar speċifiċi għal entità regolata dejjem jekk il-kampjunar ikun iġġustifikat abbażi tal-analiżi tar-riskji.

2. Meta l-verifikatur jidentifika nonkonformità jew dikjarazzjoni skorretta waqt il-kampjunar, għandu jitlob lill-entità regolata tispjega l-kawżi ewlenin tan-nonkonformità jew tad-dikjarazzjoni skorretta sabiex jivvaluta l-impatt tan-nonkonformità jew tad-dikjarazzjoni skorretta fuq id-*data* rrappurtata. Abbażi tal-eżitu ta' dik il-valutazzjoni, il-verifikatur għandu jistabbilixxi jekk ikunx hemm bżonn ta' attivitajiet addizzjonali ta' verifika u jekk ikunx hemm bżonn li jitkabbar id-daqs tal-kampjunar jew le, u liema parti mill-popolazzjoni tad-*data* trid tikkoreġi l-entità regolata.

3. Il-verifikatur għandu jiddokumenta l-eżitu tal-verifiki msemmijin fl-Artikoli 43i sa 43l, inklużi d-dettalji tal-kampjuni addizzjonali, fid-dokumentazzjoni interna tal-verifika.

Artikolu 43o

Trattament tad-dikjarazzjonijiet skorretti u tan-nonosservanza

1. Jekk, waqt il-verifika, il-verifikatur jidentifika dikjarazzjonijiet skorretti, nonkonformità jew nonosservanza mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, huwa għandu javża lill-entità regolata b'dan b'mod puntwali u jitlob il-korrezzjonijiet rilevanti. L-entità regolata għandha tikkoreġi kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta jew nonkonformità li jiġu kkomunikati lilha.

Meta tkun ġiet identifikata nonosservanza mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, l-entità regolata għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti b'dan u tikkoreġi n-nonosservanza kif xieraq mingħajr dewmien żejjed.

2. Fid-dokumentazzjoni interna tal-verifika, il-verifikatur għandu jiddokumenta u jimmarka bħala solvuti d-dikjarazzjonijiet skorretti kollha, in-nonkonformità jew in-nonosservanza kollha mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 li l-entità regolata tkun ikkoreġiet waqt il-verifika.

3. Jekk l-entità regolata ma tikkoreġix id-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nonkonformità li l-verifikatur ikun għarrafha bihom skont il-paragrafu 1 qabel ma l-verifikatur joħroġ ir-rapport ta' verifika, il-verifikatur għandu jitlob lill-entità regolata tispjega l-kawżi ewlenin tan-nonkonformità jew tad-dikjarazzjoni skorretta sabiex jivvaluta l-impatt tan-nonkonformità jew tad-dikjarazzjonijiet skorretti fuq id-*data* rrapportata.

Il-verifikatur għandu jistabbilixxi jekk id-dikjarazzjonijiet skorretti mhux ikkoreġuti, meta jittieħdu waħedhom jew flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, ikollhomx effett materjali fuq l-emissjonijiet totali rrappurtati. Meta jkun qed jivvaluta l-materjalità tad-dikjarazzjonijiet skorretti, il-verifikatur għandu jqis id-daqs u n-natura tad-dikjarazzjonijiet skorretti, kif ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari li fihom ikunu seħħew.

Il-verifikatur għandu jivvaluta jekk in-nonkonformità mhux ikkoreġuta, meta tittieħed waħedha jew flimkien ma' nonkonformità oħra, ikollhiex impatt fuq id-*data* rrappurtata jew le u jekk din twassalx għal dikjarazzjoni skorretta materjali jew le.

Jekk l-entità regolata ma tikkoreġix in-nonosservanza mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 skont il-paragrafu 1 qabel ma l-verifikatur joħroġ ir-rapport ta' verifika, il-verifikatur għandu jivvaluta jekk in-nonosservanza mhux ikkoreġuta jkollhiex impatt fuq id-*data* rrappurtata jew le u jekk din twassalx għal dikjarazzjoni skorretta materjali jew le.

Il-verifikatur jista' jqis id-dikjarazzjonijiet skorretti bħala materjali anke jekk dawk id-dikjarazzjonijiet skorretti, meta jittieħdu waħedhom jew flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, ma jkunux jaqbżu l-livell ta' materjalità stabbilit fl-Artikolu 43p, meta d-daqs u n-natura tad-dikjarazzjonijiet skorretti u ċ-ċirkostanzi partikolari li fihom iseħħu jkunu jiġġustifikaw it-tali kunsiderazzjoni.

Artikolu 43p

Livell ta' materjalità

1. Għal entitajiet regolati b'emissjonijiet annwali ta' 500 000 tunnellata ta' CO_{2e} jew inqas assoċjati ma' fjuwils rilaxxati għall-konsum, il-livell ta' materjalità, għall-finijiet tal-verifika tar-rapporti tal-entità regolata, għandu jkun ta' 5 % tal-emissjonijiet totali rrappurtati fil-perjodu ta' rappurtar li huwa soġġett għal verifika.

2. Għal entitajiet regolati b'emissjonijiet annwali ta' aktar minn 500 000 tunnellata ta' CO_{2e} assoċjati ma' fjuwils rilaxxati għall-konsum, il-livell ta' materjalità, għall-finijiet tal-verifika tar-rapporti tal-entità regolata, għandu jkun ta' 2 % tal-emissjonijiet totali rrappurtati fil-perjodu ta' rappurtar li huwa soġġett għal verifika.

Artikolu 43q

Konklużjonijiet dwar il-verifika, l-analiżi indipendenti u r-reġistrazzjoni

1. Huwa u jlesti l-verifika u huwa u jqis l-informazzjoni li tkun inkisbet waqt il-verifika, il-verifikatur għandu jagħmel dan li ġej:

(a) jivverifika d-*data* finali li l-entità regolata tkun ipprovdiet, fosthom id-*data* li tkun ġiet aġġustata abbażi tal-informazzjoni li tkun inkisbet waqt il-verifika;

(b) janalizza r-raġunijiet tal-entità regolata għal kull differenza bejn id-*data* finali pprovduta u d-*data* li tkun ingħatat qabel;

(c) janalizza l-eżitu tal-valutazzjoni biex jistabbilixxi jekk il-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti jkunx ġie implimentat sew jew le, inklużi l-proċeduri deskritti f'dak il-pjan;

(d) jivvaluta jekk ir-riskju ta' verifika jkunx f'livell baxx aċċettabbli biex tinkiseb garanzija raġonevoli;

(e) jiżgura li jkunu nġabru biżżejjed provi biex ikun jista' jagħti opinjoni ta' verifika b'garanzija raġonevoli li r-rapport ma fihx dikjarazzjonijiet skorretti materjali;

(f) jiżgura li l-proċess ta' verifika jiġi ddokumentat bis-sħiħ fid-dokumentazzjoni interna tal-verifika u li jkun jista' jingħata ġudizzju finali fir-rapport ta' verifika.

2. Il-verifikatur għandu jwettaq analiżi indipendenti f'konformità mal-Artikolu 25.

3. Il-verifikatur għandu jħejji u jikkumpila dokumentazzjoni interna tal-verifika li jkun fiha tal-inqas dan li ġej:

(a) ir-riżultati tal-attivitajiet ta' verifika li jkunu twettqu;

(b) l-analiżi strateġika, l-analiżi tar-riskji u l-pjan ta' verifika;

(c) biżżejjed informazzjoni biex tappoġġa l-opinjoni ta' verifika, fosthom il-ġustifikazzjonijiet għall-ġudizzji li jkunu saru dwar jekk id-dikjarazzjonijiet skorretti identifikati għandhomx effett materjali fuq l-emissjonijiet irrappurtati jew le.

Għall-finijiet tal-verifika tar-rapporti tal-entità regolata għandu japplika l-Artikolu 26(2) u (3).

Artikolu 43r

Rapport ta' verifika

1. Abbażi tal-informazzjoni miġbura waqt il-verifika, il-verifikatur għandu joħroġ rapport ta' verifika lill-entità regolata għal kull rapport dwar l-emissjonijiet li jkun ġie ivverifikat. Ir-rapport ta' verifika għandu jistabbilixxi jekk:

(a) ir-rapport ġiex ivverifikat bħala sodisfaċenti;

(b) ir-rapport tal-entità regolata fihx dikjarazzjonijiet skorretti materjali li ma ġewx ikkoreġuti qabel ma nħareġ ir-rapport ta' verifika;

(c) il-kamp ta' applikazzjoni tal-verifika huwiex limitat wisq skont l-Artikolu 43s u l-verifikatur ma setax jikseb biżżejjed provi biex jagħti opinjoni ta' verifika b'garanzija raġonevoli li r-rapport ma fihx dikjarazzjonijiet skorretti materjali;

(d) in-nonkonformità, meħuda waħedha jew flimkien ma' nonkonformità oħra, tipprovdix ċarezza biżżejjed u tipprevjenix lill-verifikatur milli jiddikjara b'garanzija raġonevoli li r-rapport tal-entità regolata ma fihx dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ir-rapport tal-entità regolata jista' jiġi vverifikat bħala sodisfaċenti biss meta dan ma jkunx fih dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

2. L-entità regolata għandha tibgħat ir-rapport ta' verifika lill-awtorità kompetenti flimkien mar-rapport ikkonċernat tagħha.

3. Ir-rapport ta' verifika għandu jkun fih tal-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) l-isem tal-entità regolata;

(b) l-objettivi tal-verifika;

(c) il-kamp ta' applikazzjoni tal-verifika;

(d) referenza għar-rapport tal-entità regolata li jkun ġie vverifikat;

(e) il-kriterji li ntużaw għall-verifika tar-rapport tal-entità regolata, inklużi l-permess u l-verżjonijiet tal-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti kif ukoll il-perjodu ta' validità ta' kull pjan;

(f) l-emissjonijiet aggregati assoċjati mal-fjuwil rilaxxat għall-konsum għall-attività msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2003/87/KE u għal kull entità regolata;

(g) il-perjodu ta' rappurtar li għalih tkun qed issir il-verifika;

(h) ir-responsabbiltajiet tal-entità regolata, tal-awtorità kompetenti u tal-verifikatur;

(i) id-dikjarazzjoni tal-opinjoni ta' verifika;

(j) deskrizzjoni ta' kull dikjarazzjoni skorretta u nonkonformità identifikati li ma jkunux ġew ikkoreġuti qabel ma nħareġ ir-rapport ta' verifika;

(k) id-dati meta jkunu twettqu ż-żjarat fuq il-post u min ikun wettaqhom, inklużi d-dati taż-żjarat virtwali fuq il-post;

(l) informazzjoni dwar jekk kienx hemm xi eżenzjoni għal xi żjara fil-post kif ukoll ir-raġunijiet tal-eżenzjoni ta' dawn iż-żjarat fil-post;

(m) informazzjoni dwar jekk twettqitx żjara virtwali fil-post kif ukoll ir-raġunijiet għat-twettiq ta' żjarat virtwali fil-post u d-data tal-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti;

(n) konferma li l-verifikatur wettaq il-verifiki skont l-Artikolu 43l(6) ta' dan ir-Regolament u li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 43e(1), il-punt (g), ta' dan ir-Regolament hija konsistenti mal-informazzjoni fir-rapport tal-entità regolata dwar l-Anness Xb tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;

(o) kwalunkwe kwistjoni ta' nonosservanza mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 li tkun ħarġet fid-dieher waqt il-verifika;

(p) jekk l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti għall-metodu użat biex jiġi indirizzat in-nuqqas fid-*data* skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 43 m(1) ta' dan ir-Regolament ma tkunx tista' tinkiseb, konferma dwar jekk il-metodu użat huwiex konservattiv jew le u dwar jekk iwassalx għal dikjarazzjonijiet skorretti materjali jew le;

(q) rakkomandazzjonijiet għal titjib, meta dan ikun applikabbli;

(r) l-ismijiet tal-awditur ewlieni tal-EU ETS, tal-eżaminatur indipendenti u, meta dan ikun applikabbli, tal-awditur tal-EU ETS u tal-espert tekniku li kienu involuti fil-verifika tar-rapport tal-entità regolata;

(s) id-data u l-firma ta' persuna awtorizzata f'isem il-verifikatur, inkluż isimha.

4. Fir-rapport ta' verifika, il-verifikatur għandu jiddeskrivi d-dikjarazzjonijiet skorretti, in-nonkonformità u n-nonosservanza mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 f'biżżejjed dettall biex l-entità regolata u l-awtorità kompetenti jkunu jistgħu jifhmu dan li ġej:

(a) id-daqs u n-natura tad-dikjarazzjoni skorretta, tan-nonkonformità jew tan-nonosservanza mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;

(b) għaliex id-dikjarazzjoni skorretta għandha effett materjali, jew le;

(c) għal liema element tar-rapport tal-entità regolata tirreferi d-dikjarazzjoni skorretta jew għal liema element tal-pjan ta' monitoraġġ tirreferi n-nonkonformità;

(d) ma' liema Artikolu fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 għandha x'taqsam in-nonosservanza.

Artikolu 43s

Limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni

Il-verifikatur jista' jikkonkludi li l-kamp ta' applikazzjoni tal-verifika msemmi fl-Artikolu 43r(1), il-punt (c) huwa limitat wisq fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) meta jkun hemm *data* nieqsa li ma tħallihx jikseb il-provi meħtieġa biex inaqqas ir-riskju ta' verifika għal-livell li jkun meħtieġ biex jinkiseb livell raġonevoli ta' garanzija;

(b) meta l-awtorità kompetenti ma tkunx approvat il-pjan ta' monitoraġġ;

(c) meta l-pjan ta' monitoraġġ ma jkunx jipprovdi biżżejjed ċarezza jew kamp ta' applikazzjoni wiesa' biżżejjed biex ikun jista' joħroġ b'konklużjonijiet dwar il-verifika;

(d) meta l-entità regolata ma tkunx ipprovdiet biżżejjed informazzjoni biex huwa jkun jista' jwettaq il-verifika.

Artikolu 43t

Trattament tan-nonkonformità mhux materjali pendenti

1. Il-verifikatur għandu jivvaluta jekk l-entità regolata tkunx ikkoreġiet in-nonkonformità indikata fir-rapport ta' verifika marbut mal-perjodu ta' monitoraġġ ta' qabel skont ir-rekwiżiti dwar l-entità regolata msemmijin fl-Artikolu 75q(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, meta jkun rilevanti.

Jekk l-entità regolata ma tkunx ikkoreġiet in-nonkonformità skont l-Artikolu 75q(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, il-verifikatur għandu jqis jekk l-ommissjoni żżidx ir-riskju ta' dikjarazzjonijiet skorretti jew tistax tagħmel dan jew le.

Fir-rapport ta' verifika, il-verifikatur għandu jirrapporta jekk l-entità regolata tkunx solviet in-nonkonformità jew le.

2. Fid-dokumentazzjoni interna tal-verifika, il-verifikatur għandu jniżżel id-dettalji ta' meta u kif, waqt il-verifika, l-entità regolata solviet in-nonkonformità identifikata.

Artikolu 43u

Titjib fil-proċess ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

1. Meta l-verifikatur ikun identifika oqsma għal titjib fil-prestazzjoni tal-entità regolata marbutin mal-punti (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu, fir-rapport ta' verifika huwa għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet għal titjib marbuta mal-prestazzjoni tal-entità regolata f'dawk il-punti:

(a) il-valutazzjoni tar-riskju tal-entità regolata;

(b) l-iżvilupp, id-dokumentazzjoni, l-implimentazzjoni u ż-żamma tal-attivitajiet tal-fluss tad-*data* u tal-attivitajiet ta' kontroll, kif ukoll l-evalwazzjoni tas-sistema ta' kontroll;

(c) l-iżvilupp, id-dokumentazzjoni, l-implimentazzjoni u ż-żamma tal-proċeduri għall-attivitajiet tal-fluss tad-*data* u għall-attivitajiet ta' kontroll, kif ukoll ta' proċeduri oħrajn li entità regolata trid tistabbilixxi skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;

(d) il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet, fosthom b'rabta mal-ilħuq ta' saffi ogħla, mat-tnaqqis tar-riskji u mat-titjib fl-effiċjenza tal-monitoraġġ u tar-rappurtar.

2. Waqt il-verifika, wara sena li fiha jkunu saru rakkomandazzjonijiet għal titjib f'rapport ta' verifika, il-verifikatur għandu jivverifika jekk l-entità regolata tkunx implimentat dawk ir-rakkomandazzjonijiet għal titjib jew le u l-mod kif tkun għamlet dan.

Meta l-entità regolata ma tkunx implimentat dawk ir-rakkomandazzjonijiet jew ma tkunx implimentathom sew, il-verifikatur għandu jivvaluta l-impatt li dan għandu fuq ir-riskju ta' dikjarazzjonijiet skorretti u nonkonformità.

Artikolu 43v

Żjarat fil-post u verifika ssimplifikata

1. F'ħin opportun jew f'diversi ħinijiet opportuni waqt il-proċess ta' verifika, il-verifikatur għandu jwettaq żjara fil-post sabiex jivvaluta l-operat tal-istrumenti tal-kejl u tas-sistemi ta' monitoraġġ, iwettaq intervisti u sabiex iwettaq l-attivitajiet meħtieġa skont dan il-Kapitolu, kif ukoll sabiex jiġbor biżżejjed informazzjoni u provi biex ikun jista' jikkonkludi jekk ir-rapport tal-entità regolata huwiex ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali jew le.

Meta jwettaq żjarat fil-post f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-verifikatur għandu jivvaluta wkoll il-kompletezza tal-flussi ta' fjuwil rilaxxati u tal-ammonti ta' fjuwil rilaxxati.

2. L-entità regolata għandha tipprovdi lill-verifikatur aċċess għas-siti tagħha.

3. Għall-finijiet tal-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet tal-entità regolata, il-verifikatur għandu jiddeċiedi, abbażi tal-analiżi tar-riskju, jekk hemmx bżonn isiru żjarat f'postijiet addizzjonali jew le, fosthom meta partijiet rilevanti mill-attivitajiet tal-fluss tad-*data* u mill-attivitajiet ta' kontroll jitwettqu f'postijiet oħrajn bħal kwartieri ġenerali tal-kumpanija u f'uffiċċji oħrajn barra mill-post.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, il-verifikatur jista' jiddeċiedi li ma jwettaqx żjarat fil-post ta' entitajiet regolati. Din id-deċiżjoni għandha tissejjes fuq il-kriterji li ġejjin:

(a) l-eżitu tal-analiżi tar-riskji;

(b) il-konferma li l-verifikatur jista' jkollu aċċess mill-bogħod għad-*data* rilevanti kollha;

(c) il-konferma li jkunu ntlaħqu l-kundizzjonijiet rilevanti biex ma jitwettqux iż-żjarat fil-post, skont l-Artikolu 43w ta' dan ir-Regolament;

(d) il-konferma li ż-żjarat obbligatorji fil-post, skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu ma japplikawx għal dik l-entità regolata.

Il-verifikatur għandu javża lill-entità regolata bid-deċiżjoni tiegħu mingħajr dewmien żejjed.

5. L-entità regolata għandha tibgħat applikazzjoni lill-awtorità kompetenti li fiha titlobha tapprova d-deċiżjoni tal-verifikatur li ma jwettaqx iż-żjara fil-post. L-applikazzjoni għandha mill-inqas tikkonsisti mill-informazzjoni li ġejja:

(a) l-eżitu tal-analiżi tar-riskji;

(b) provi dwar il-fatt li jista' jkun hemm aċċess mill-bogħod għad-*data* rilevanti;

(c) provi li jkunu ntlaħqu l-kundizzjonijiet rilevanti biex ma jitwettqux iż-żjarat fil-post skont l-Artikolu 43w ta' dan ir-Regolament;

(d) provi li ż-żjarat obbligatorji fil-post, skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, ma japplikawx għal dik l-entità regolata.

L-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti ma għandhiex tkun meħtieġa għal entitajiet regolati b'emissjonijiet baxxi, kif speċifikat fl-Artikolu 75n(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

6. Filwaqt li tqis l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, il-punti (a) sa (d), l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk tapprovax jew le d-deċiżjoni tal-verifikatur li ma jwettaqx iż-żjara fil-post.

Meta l-awtorità kompetenti ma tkunx wieġbet għall-applikazzjoni mill-entità regolata, f'konformità mal-paragrafu 5 fi żmien xahrejn minn meta tirċeviha, id-deċiżjoni tal-verifikatur titqies bħala approvata.

7. Fis-sitwazzjonijiet li ġejjin, il-verifikatur dejjem għandu jwettaq żjarat fil-post:

(a) il-verifikatur ikun qed jivverifika r-rapport tal-entità regolari għall-ewwel darba;

(b) il-verifikatur ma jkun wettaq l-ebda żjara fil-post fiż-żewġ perjodi ta' rapportar ta' eżatt qabel il-perjodu attwali ta' rapportar;

(c) sar tibdil sinifikanti fil-pjan ta' monitoraġġ waqt il-perjodu ta' rapportar f'konformità mal-Artikolu 75b(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

Artikolu 43w

Kundizzjonijiet biex ma jitwettqux iż-żjarat fil-post

Il-kundizzjonijiet biex ma jitwettqux iż-żjarat fil-post għandhom ikunu kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

1 meta l-verifika ta' rapport ta' entità regolata tkun tikkonċerna entità tal-kategorija A, kif speċifikat fl-Artikolu 75e(2), il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, meta:

(a) il-flussi ta' fjuwil rilaxxati għall-konsum mill-entità regolata jkunu fjuwils kummerċjali standard;

(b) jiġu applikati valuri prestabbiliti għal fatturi ta' kalkolu;

(c) japplika fattur ta' ambitu ta' 1 għal kull fluss ta' fjuwil skont l-Artikolu 75l(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;

2. il-verifika ta' rapport ta' entità regolata tkun tikkonċerna entità b'livell baxx ta' emissjonijiet, kif definit fl-Artikolu 75n(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066;

3. il-verifika ta' rapport ta' entità regolata tkun tikkonċerna entità tal-kategorija A, kif speċifikat fl-Artikolu 75e(2), il-punt (a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, jew entità tal-kategorija B, kif speċifikat fl-Artikolu 75e(2), il-punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni meta:

(a) l-entità regolata koperta tikkorrispondi għal entità b'obbligi ta' rapportar skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttivi tal-Kunsill 2003/96/KE (*) u (UE) 2020/262 (**), abbażi tal-metodi ta' kejl użati għall-finijiet ta' dawk l-atti meta dawk il-metodi jkunu bbażati fuq kontroll metroloġiku nazzjonali;

(b) il-flussi tal-fjuwil koperti jikkorrispondu għal prodotti tal-enerġija soġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttivi 2003/96/KE u (UE) 2020/262, abbażi tal-metodi ta' kejl użati għall-finijiet ta' dawk l-atti meta dawk il-metodi jkunu bbażati fuq kontroll metroloġiku nazzjonali;

(c) jiġu applikati l-valuri prestabbiliti għall-fatturi ta' kalkolu;

(d) japplika fattur ta' ambitu ta' 1 għal kull fluss ta' fjuwil skont l-Artikolu 75l(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

Artikolu 43x

Pjan ta' verifika ssimplifikat u żjarat virtwali fil-post

L-Artikoli 34 u 34a għandhom japplikaw għall-verifika tal-emissjonijiet tal-entità regolata koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE. Għal dak il-fini, kwalunkwe referenza għal operatur, installazzjoni u operatur tal-inġenji tal-ajru għandha tinqara daqslikieku kienet referenza għal entità regolata.

Artikolu 43y

Kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditament

Il-verifikatur għandu joħroġ biss rapport ta' verifika lil entità regolata li twettaq attività li tkun koperta mill-grupp ta' attività Nru 1c fl-Anness I ta' dan ir-Regolament li għaliha l-verifikatur ikun ingħata akkreditazzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 43z

Proċeduri u dokumentazzjoni tal-verifikatur

1. Verifikatur għandu jistabbilixxi, jiddokumenta, jimplimenta u jżomm proċedura waħda jew aktar għall-attivitajiet ta' verifika kif previst fil-Kapitoli IIIa, u l-proċeduri u l-proċessi meħtieġa mill-Anness II ta' dan ir-Regolament. Meta jistabbilixxi u jimplimenta dawn il-proċeduri u l-proċessi, il-verifikatur għandu jwettaq l-attivitajiet imniżżlin fl-Anness II ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-istandard armonizzat imsemmi f'dak l-Anness.

2. L-Artikoli 41(2) u 42 (1) ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-verifika tal-emissjonijiet tal-entità regolata koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE.

3. Verifikatur għandu, fuq bażi regolari, jagħmel l-informazzjoni disponibbli għall-entità regolata u għal partijiet rilevanti oħra f'konformità mal-istandard armonizzat imsemmi fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 43za

Imparzjalità u indipendenza

1. Verifikatur għandu jkun indipendenti minn entità regolata u imparzjali fit-twettiq tal-attivitajiet ta' verifika tiegħu.

Sabiex jiġu żgurati l-indipendenza u l-imparzjalità, il-verifikatur u kwalunkwe parti mill-istess entità legali ma għandhomx ikunu entità regolata, is-sid ta' entità regolata jew tkun il-proprjetà tiegħu u l-verifikatur lanqas ma għandu jkollu relazzjonijiet mal-entità regolata li jistgħu jaffettwaw l-indipendenza u l-imparzjalità tiegħu. Il-verifikatur għandu jkun indipendenti wkoll mill-korpi li jinnegozjaw il-kwoti tal-emissjonijiet fil-kuntest tas-sistema għan-negozjar tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbilita skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE.

2. Verifikatur għandu jkun organizzat b'tali mod li jħares l-oġġettività, l-indipendenza u l-imparzjalità tiegħu. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti rilevanti dwar l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-verifikatur stabbiliti fl-istandard armonizzat imsemmi fl-Anness II.

3. Verifikatur ma għandux iwettaq attivitajiet ta' verifika għal entità regolata li joħolqulu riskju inaċċettabbli għall-imparzjalità tiegħu jew li joħolqulu kunflitt ta' interess. Il-verifikatur ma għandux juża membri tal-persunal jew persuni mqabbdin b'kuntratt biex jivverifika rapport ta' entità regolata meta dan joħloq kunflitt ta' interess reali jew potenzjali. Il-verifikatur għandu jiżgura wkoll li l-attivitajiet tal-persunal jew tal-organizzazzjonijiet ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-verifika. Għal dan il-fini, il-verifikatur għandu jimmonitorja r-riskji għall-imparzjalità u jieħu azzjoni xierqa biex jindirizza dawk ir-riskji.

Għandu jitqies li jkun inħoloq riskju inaċċettabbli għall-imparzjalità jew kunflitt ta' interess imsemmijin fl-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu b'mod partikolari fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta verifikatur jew kwalunkwe parti mill-istess entità legali jkunu jipprovdu servizzi ta' konsulenza biex tiġi żviluppata parti mill-proċess ta' monitoraġġ u ta' rappurtar li hija deskritta fil-pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti, fosthom biex tiġi żviluppata l-metodoloġija tal-monitoraġġ, biex jiġi abbozzat ir-rapport tal-entità regolata u biex jiġi abbozzat il-pjan ta' monitoraġġ;

(b) meta verifikatur jew kwalunkwe parti mill-istess entità legali jkunu jipprovdu assistenza teknika biex tiġi żviluppata jew tinżamm is-sistema implimentata għall-monitoraġġ u għar-rappurtar tal-emissjonijiet.

4. Għandu jitqies li jkun inħoloq kunflitt ta' interess għall-verifikatur fir-relazzjonijiet tiegħu ma' entità regolata b'mod partikolari fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta r-relazzjoni bejn il-verifikatur u l-entità regolata tkun ibbażata fuq sjieda komuni, governanza komuni, ġestjoni jew persunal komuni, riżorsi kondiviżi, finanzi komuni u kuntratti jew kummerċjalizzazzjoni komuni;

(b) meta l-entità regolata tkun irċeviet is-servizzi ta' konsulenza msemmijin fil-punt (a) tal-paragrafu 3 jew l-assistenza teknika msemmija fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu minn korp ta' konsulenza, korp tal- assistenza teknika jew organizzazzjoni oħra li jkollha relazzjonijiet mal-verifikatur u li thedded l-imparzjalità tal-verifikatur.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-imparzjalità tal-verifikatur għandha titqies li tkun ġiet mhedda meta r-relazzjonijiet bejn il-verifikatur u l-korp ta' konsulenza, il-korp tal-assistenza teknika jew l-organizzazzjoni l-oħra jkunu bbażati fuq sjieda komuni, governanza komuni, ġestjoni jew persunal komuni, riżorsi kondiviżi, finanzi komuni, kuntratti jew kummerċjalizzazzjoni komuni u ħlas komuni tal-inkarigi tal-bejgħ jew inċentivi oħrajn għar-riferiment ta' klijenti ġodda.

5. Verifikatur ma għandux jesternalizza l-għeluq tal-ftehim bejn l-entità regolata u l-verifikatur, l-analiżi indipendenti jew il-ħruġ tar-rapport ta' verifika. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, meta jkun qed jesternalizza attivitajiet oħrajn ta' verifika, il-verifikatur għandu jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-istandard armonizzat imsemmi fl-Anness II.

Madankollu, il-fatt li l-individwi jitqabbdu b'kuntratt biex iwettqu l-attivitajiet ta' verifika ma għandux jikkostitwixxi esternalizzazzjoni għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu jekk il-verifikatur, meta jqabbad individwi b'kuntratt, jieħu responsabbiltà sħiħa għall-attivitajiet ta' verifika mwettqa mill-individwi b'kuntratt. Meta jqabbad individwi b'kuntratt għat-twettiq ta' attivitajiet ta' verifika, il-verifikatur għandu jeħtieġ li dawn l-individwi jiffirmaw ftehim bil-miktub li huma jikkonformaw mal-proċeduri tal-verifikatur u li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess fit-twettiq ta' dawn l-attivitajiet ta' verifika.

6. Verifikatur għandu jistabbilixxi, jiddokumenta, jimplimenta u jżomm proċess sabiex jiżgura l-imparzjalità u l-indipendenza kontinwi tiegħu stess, ta' partijiet mill-istess entità legali tiegħu, ta' organizzazzjonijiet oħrajn imsemmijin fil-paragrafu 4 u tal-persunal kollu u tal-persuni kollha mqabbdin b'kuntratt involuti fil-verifika. Dak il-proċess għandu jinkludi mekkaniżmu biex jitħarsu l-imparzjalità u l-indipendenza tal-verifikatur u għandu jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-istandard armonizzat imsemmi fl-Anness II.

6a. Meta jivverifika l-istess entità regolata bħal fis-sena preċedenti, il-verifikatur għandu jqis ir-riskju għall-imparzjalità u jieħu miżuri biex inaqqas ir-riskju għall-imparzjalità.

7. Mill-2026, meta l-awditur ewlieni tal-EU ETS iwettaq verifika annwali tal-emissjonijiet koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE għal perjodu ta' ħames snin konsekuttivi għal entità regolata partikolari, huwa għandu jieqaf għal tliet snin konsekuttivi milli jipprovdi s-servizzi ta' verifika lill-istess entità regolata.";

_____

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/96/oj).

(**) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2020/262/oj).

(30) fl-Artikolu 44, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Verifikatur li jkun qed joħroġ rapport ta' verifika lil operatur, operatur tal-inġenji tal-ajru jew entità regolata għandu jkun akkreditat għall-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet imsemmijin fl-Anness I li fih huwa jkun qed iwettaq il-verifika tar-rapport ta' operatur jew ta' operatur tal-inġenji tal-ajru jew ta' rapport ta' entità regolata.";

(31) l-Artikolu 45 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 45*

Objettivi tal-akkreditament

Waqt il-proċess tal-akkreditament u l-monitoraġġ tal-verifikaturi akkreditati, kull korp nazzjonali ta' akkreditament għandu jivvaluta jekk il-verifikatur u l-persunal tiegħu li jkunu qed iwettqu l-attivitajiet ta' verifika:

(a) għandhomx il-kompetenza jwettqu l-verifika tar-rapporti tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tar-rapporti tal-entità regolata f'konformità ma' dan ir-Regolament jew le;

(b) ikunux qed iwettqu l-verifika tar-rapporti tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tar-rapport tal-entità regolata f'konformità ma' dan ir-Regolament jew le;

(c) jissodisfawx ir-rekwiżiti msemmijin fil-Kapitolu III u, għall-fini tal-verifika tar-rapport tal-entità regolata, l-Artikoli 43y sa 43za.";

(32) fl-Artikolu 48(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) osservazzjoni ta' parti rappreżentattiva tal-kamp ta' applikazzjoni mitlub għall-akkreditament u tal-prestazzjoni u tal-kompetenza ta' għadd rappreżentattiv ta' membri tal-persunal tal-applikant li jkunu involuti fil-verifika tar-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tar-rapport tal-entità regolata sabiex jiġi żgurat li l-persunal ikun qed jaħdem f'konformità ma' dan ir-Regolament.";

(33) fl-Artikolu 56, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta Stat Membru jidhirlu li ma jagħmilx sens mil-lat ekonomiku li jaħtar korp nazzjonali ta' akkreditament jew li jipprovdi servizzi ta' akkreditament skont it-tifsira tal-Artikoli 15 jew 30f tad-Direttiva 2003/87/KE jew jidhirlu li dan mhuwiex sostenibbli mil-lat ekonomiku, dak l-Istat Membru għandu jitħalla jirrikorri għall-korp nazzjonali ta' akkreditament ta' Stat Membru ieħor.";

(34) fl-Artikolu 58(2), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-tim ta' valutazzjoni għandu jinkludi tal-inqas persuna waħda li jkollha għarfien tal-monitoraġġ u tar-rappurtar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 li jkunu rilevanti għall-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditament u li jkollha l-kompetenza u l-għarfien meħtieġa biex tivvaluta l-attivitajiet ta' verifika fl-installazzjoni, fl-operatur tal-inġenji tal-ajru jew fl-entità regolata għal dak il-kamp ta' applikazzjoni, u tal-inqas persuna waħda li tkun taf il-leġiżlazzjoni u l-linji gwida nazzjonali rilevanti.";

(35) fl-Artikolu 62, is-sentenza tal-introduzzjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

"Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditament jirċievi lment mingħand l-awtorità kompetenti, mingħand l-operatur, mingħand l-operatur tal-inġenji tal-ajru, mingħand entità regolata jew mingħand partijiet interessati oħrajn dwar il-verifikatur, fi żmien raġonevoli iżda mhux aktar tard minn tliet xhur minn meta jirċievi dak l-ilment, huwa għandu:";

(36) l-Artikolu 69 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 69*

Skambju elettroniku tad-*data* u użu ta' sistemi awtomatizzati

1. L-Istati Membri jistgħu jobbligaw lill-verifikaturi jużaw mudelli elettroniċi jew formati speċifiċi tal-fajls għar-rapporti ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 74(1) jew l-Artikolu 75u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jew f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/331.

2. Għal tipi ta' komunikazzjoni oħrajn bejn l-operatur, l-operatur tal-inġenji tal-ajru, l-entità regolata, il-verifikatur, l-awtorità kompetenti u l-korp nazzjonali ta' akkreditament jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mudelli elettroniċi standardizzati jew speċifikazzjonijiet dwar il-formati tal-fajls f'konformità mal-Artikolu 74(2) jew mal-Artikolu 75u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.";

(37) fl-Artikolu 71(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-ħin u l-post previsti għall-verifika, fosthom jekk tkunx se titwettaq żjara fiżika jew virtwali fuq il-post;";

(38) fl-Artikolu 73(1), il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) ir-riżultati rilevanti tal-verifika tar-rapport tal-operatur jew tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tar-rapport tal-entità regolata u tar-rapporti ta' verifika korrispondenti, b'mod partikolari kull nonosservanza ta' dak il-verifikatur ma' dan ir-Regolament li jkun ġie identifikat;

(b) ir-riżultati tal-ispezzjoni tal-operatur, tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tal-entità regolata meta dawk ir-riżultati jkunu rilevanti għall-korp nazzjonali ta' akkreditament b'rabta mal-akkreditament u mas-sorveljanza tal-verifikatur jew meta dawk ir-riżultati jkunu jinkludu xi nonosservanza ta' dak il-verifikatur ma' dan ir-Regolament li jkun ġie identifikat;";

(39) fl-Artikolu 76, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-korpi nazzjonali ta' akkreditament, jew meta dan ikun applikabbli, l-awtoritajiet nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 55(2), għandhom jistabbilixxu u jamministraw bażi tad-*data* u jippermettu lil korpi nazzjonali ta' akkreditament oħrajn, lil awtoritajiet nazzjonali oħrajn, lill-verifikaturi, lill-operaturi, lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru, lill-entitajiet regolati u lill-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għaliha.

Il-korp irrikonoxxut skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu jiffaċilita u jarmonizza l-aċċess għall-bażijiet tad-*data* sabiex ikun jista' jkun hemm komunikazzjoni effiċjenti u kosteffettiva bejn il-korpi nazzjonali ta' akkreditament, l-awtoritajiet nazzjonali, il-verifikaturi, l-operaturi, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-entitajiet regolati u l-awtoritajiet kompetenti, u jista' jgħaqqad dawk il-bażijiet tad-*data* f'bażi tad-*data* waħda ċċentralizzata.";

(40) l-Artikolu 77(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) il-ħin u l-post ippjanati tal-verifiki li huwa għandu jwettaq, inkluż jekk tkunx se titwettaq żjara fiżika jew virtwali fuq il-post;

(b) l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-operaturi jew tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru li r-rapporti dwar l-emissjonijiet, ir-rapporti dwar id-*data* ta' referenza, ir-rapporti dwar id-*data* ta' min jidħol ġdid jew ir-rapporti annwali dwar il-livell ta' attività tagħhom huwa jkun qed jivverifika;";

(b) jiddaħħal il-punt (ba) li ġej:

"(ba) l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-entitajiet regolati li r-rapporti tagħhom dwar l-emissjonijiet huwa jkun qed jivverifika;";

(c) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-ismijiet tal-membri tat-tim tal-verifika u l-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditazzjoni li taħtu tidħol l-attività tal-operatur, tal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew tal-entità regolata.";

(41) l-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1, il-punti (4), (7)(a)(i), (12)(d), (13)(d), (18)(b), (18)(c)(vii), (26) sa (29), (38), (40)(b) u (c) u l-punt 2(a) tal-Anness għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) it-test introduttorju tat-tabella huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditazzjoni tal-verifikaturi għandu jiġi indikat fiċ-ċertifikat tal-akkreditazzjoni billi jintużaw il-gruppi ta' attivitajiet li ġejjin skont l-Annessi I u l-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE u ta' attivitajiet oħra skont l-Artikoli 10a u 24 tad-Direttiva 2003/87/KE. Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw bl-istess mod għall-verifikaturi ċċertifikati minn awtorità nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 55(2) ta' dan ir-Regolament.";

(b) it-tabella hija emendata kif ġej:

(i) tiddaħħal ir-ringiela 1c li ġejja:

"1c	Verifika tal-emissjonijiet koperti mill-Kapitolu IVa tad-Direttiva 2003/87/KE";

(ii) it-tielet ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"2	Raffinar taż-żejt";

(iii) ir-raba' ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"3	— Produzzjoni tal-kokk — Xiwi jew sinterizzazzjoni ta' minerali tal-metall (inkluż il-minerali tas-sulfur), inkluż il-pelitizzazzjoni — Produzzjoni tal-ħadid jew tal-azzar (fużjoni primarja jew sekondarja), inkluż l-ikkastjar kontinwu";

(iv) is-sitt ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"5	Produzzjoni tal-aluminju primarju jew tal-alumina (emissjonijiet tas-CO_2 u tal-PFC)";

(v) id-disa' ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"8	— Produzzjoni ta' iswed tal-karbonju — Produzzjoni tal-ammonijaka — Produzzjoni ta' sustanzi kimiċi organiċi fi kwantitajiet kbar permezz tal-ikkrekkjar, tal-iffurmar mill-ġdid, tal-ossidazzjoni parzjali jew sħiħa jew permezz ta' proċessi simili — Produzzjoni tal-idroġenu (H_2) u tal-gass ta' sinteżi — Produzzjoni tal-karbonat tas-sodju (Na_2CO_3) u tal-bikarbonat tas-sodju ($NaHCO_3$)";

(vi) il-ħdax-il ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:

"10	— Ġbir tal-gassijiet serra minn installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE għall-fini tat-trasport u tal-ħżin ġeoloġiku f'sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE — Trasport ta' gassijiet serra għall-ħżin ġeoloġiku f'sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE, bl-esklużjoni ta' dawk l-emissjonijiet koperti minn attività oħra elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE";

(vii) it-tlettax-il ringiela rigward il-grupp ta' attività 12 hija sostitwita b'dan li ġej:

"12	Attivitajiet tal-avjazzjoni (*data* dwar l-emissjonijiet)";

(2) l-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) proċess u politika għall-komunikazzjoni mal-operatur, mal-operatur tal-inġenji tal-ajru jew ma' entità regolata u partijiet rilevanti oħra;"

(b) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) proċess għall-ħruġ ta' rapport rivedut ta' verifika meta jkun ġie identifikat żball fir-rapport ta' verifika, fir-rapport ta' operatur jew fir-rapport ta' operatur tal-inġenji tal-ajru, jew fir-rapport ta' entità regolata, wara li l-verifikatur ikun bagħat ir-rapport ta' verifika lill-operatur, lill-operatur tal-inġenji tal-ajru jew lill-entità regolata biex jintbagħat lill-awtorità kompetenti;".